KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

KOKOTT

ippreżentati fis-26 ta' Ġunju 2008 [1]

I — Introduzzjoni

1. F'dawn il-proċedimenti għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tiddeċiedi fuq il-validità ta' deċiżjoni dwar għajnuna mill-Istat adottata mill-Kummissjoni Ewropea fl-1997, li fiha kienet iddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra l-għamla ġdida ta' sistema ta' għajnuna Franċiża intiża biex issostni x-xandir bir-radju — Għajnuna nru N 679/97 — (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

2. Is-sistema ta' għajnuna tipprovdi sostenn finanzjarju għal stazzjonijiet tar-radju Franċiżi żgħar li jxandru lokalment, jiġifieri dawk imsejħa *radios associatives* [2]. Għal dan l-iskop fis-snin tmenin kien ġie stabbilit diġà "fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju" [3], iffinanzjat minn taxxa parafiskali fuq ir-reklami mxandra fi Franza — kemm bir-radju kif ukoll bit-televiżjoni. Fil-perijodu rilevanti ta' dan il-każ partikolari, it-taxxa kienet tapplika wkoll għar-reklami mxandra fi Franza minn barra.

3. Il-kwistjoni ċentrali ta' dan il-każ hija jekk il-Kummissjoni setgħetx tippermetti dan it-tip ta' finanzjament ta' sistema ta' għajnuna nazzjonali. Dan il-każ joffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni li tippreċiża l-ġurisprudenza tagħha li tmur lura għas-sentenza van Calster [4], u l-konsegwenzi relattivi b'referenza partikolari, għall-ewwel darba, għal sistema ta' għajnujna nnotifikata lill-Kummissjoni.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Fuq il-fenomenu magħruf fil-Ġermanja bħala Bürgermedien (medja taċ-ċittadini), u b'mod partikolari l-hekk imsejħa Bürgerfunk (xandir taċ-ċittadini) fil-kuntest tar-radju, ara, pereżempju, l-informazzjoni disponibbli fis-sit tal-Landesanstalt für Medien Nordrhein-Westfalen (awtorità reġjonali responsabbli mis-settur awdjoviżiv tan-Nordrhein-Westfalen) fl-indirizz http://www.lfm-nrw.de/hoerfunk/buergerfunk/ (ikkonsultat l-aħħar fis-26 ta' Frar 2008).

3 — Fonds de soutien à l'expression radiophonique (FSER), li fil-bidu twaqqaf b'digriet tas-17 ta' Novembru 1982, nru 82-973 (JORF tat-18 ta' Novembru 1982, p. 3460), b'effett mill-1 ta' Jannar 1983. Iktar informazzjoni ddettaljata tinsab, pereżempju, fuq is-sit http://www.ddm.gouv.fr/rubrique.php3?id_rubrique=40 (ikkonsultat l-aħħar fl-24 ta' April 2008).

4 — Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, van Calster *et* (Kawżi magħquda C-261/01 u C-262/01, Ġabra p. I-12249).

II — Il-kuntest ġuridiku

[…]

A — *Id-dritt Komunitarji*

3. It-tipi ta' għajnuna li ġejja tista' tkun ikkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq komuni:

4. L-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tmur lura għall-1997. Għalhekk, il-kuntest ġuridiku Komunitarju rilevanti huwa magħmul mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE fil-verżjoni tat-Trattat ta' Maastricht [5].

[…]

5. Dak iż-żmien l-Artikolu 92 tat-Trattat KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 87 KE) kien jgħid hekk:

c) għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni,

"Bla ħsara ta' kull deroga kontemplata f'dan it-Trattat, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni.

d) għajnuna biex tiġi promossa l-kultura u l-preservazzjoni tal-patrimonju meta din l-għajnuna ma tolqotx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fil-komunità sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni,

5 — Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, iffirmat f'Maastricht fis-7 ta' Frar 1992 (ĠU 1992 C 191, p. 1). Billi t-Trattat ta' Amsterdam (ĠU 1997, C 340, p. 1) daħal fis-seħħ biss fl-1 ta' Mejju 1999, l-emendi li huwa għamel lit-Trattat KE u l-enumerazzjoni l-ġdida tal-Artikoli li saret b'dawn l-emendi mhumiex rilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża.

[…]".

6. L-Artikolu 93(3) tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 88(3) KE) jgħid hekk:

“Il-Kummissjoni għandha tiġi informata, fil-ħin biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha, dwar kull proġett biex tiġi mogħtija jew biex tiġi modifikata għajnuna. Jekk tikkunsidra li proġett bħal dak ma jkunx kompatibbli mas-suq komuni skond it-termini ta’ l-Artikolu 87, hija għandha mingħajr dewmien tibda l-proċedura prevista fil-paragrafu qabel dan. L-Istat Membru interessat ma jistax idaħħal fis-seħħ il-proġetti proposti tiegħu qabel ma dik il-proċedura ikollha deċiżjoni finali”.

B — *Id-dritt nazzjonali*

7. Is-sistema ta’ għajnuna Franċiża inkwistjoni tmur lura għall-1982 u daħlet fis-seħħ għall-ewwel darba fl-1 ta’ Jannar 1983. Minn dak iż-żmien ġiet emendata u pprorogata diversi drabi. Fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fl-2001 hija kienet ibbażata, minn naħa, fuq il-liġi tat-30 ta’ Settembru 1986, nru 86-1067 fuq il-libertà ta’ komunikazzjoni [6], u, minnaħa l-oħra, fuq id-digriet li implementa dik il-Liġi tad-29 ta’ Diċembru 1997, nru 97-1263 fuq l-introduzzjoni ta’ taxxa parafiskali favur fond ta’ sostenn għax-xandir bir-radju [7].

8. L-Artikolu 80 tal-Liġi Nru 86-1067 tistipula kif ġej:

“Għal servizzi ta’ xandir bir-radju li r-riżorsi kummerċjali tagħhom ġejjin minn messaġġi pubbliċitarji jew ta’ sponsorjar ikunu anqas minn 20 % tal-fatturat komplessiv tingħata għajnuna skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-digriet […].

Din l-għajnuna tiġi ffinanzjata minn taxxa fuq id-dħul ġej mir-reklami fuq ir-radju u t-televiżjoni.

Id-dħul miksub mis-servizzi ta’ xandir bir-radju għal messaġġi insostenn ta’ miżuri kollettivi jew ta’ utilità pubblika huma eskluż mid-definizzjoni tal-limitu massimu skont l-ewwel paragrafu ta’ dan l-Artikolu.”

6 — Loi n. 86-1067 relative à la liberté de communication (JORF tal-1 ta’ Diċembru 1986, p. 11755); il-liġi inkwistjoni tapplika kif emendata bl-Artikolu 25 tal-liġi tas-17 ta’ Jannar 1989, nru 89-25 (JORF tat-18 ta’ Jannar 1989, p. 728), u mill-Artikolu 27 tal-liġi tad-29 ta’ Diċembru 1990, nru 90-1170 (JORF tat-30 ta’ Diċembru 1990, p. 16439).

7 — Décret n. 97-1263 portant création d’une taxe parafiscale au profit d’un fonds de soutien à l’expression radiophonique (JORF tat-30 ta’ Diċembru 1997, p. 19194).

9. L-Artikolu 1 tad-Digriet Nru 97-1263 igħid dan li ġej:

“B’effett mill-1 ta’ Jannar 1998, biex jiġi ffinanzjat fond ta’ għajnuna intiż għad-detenturi ta’ liċenzja għal servizzi ta’ xandir bir-radju u bit-televiżjoni li r-riżorsi kummerċjali tagħhom ġejjin minn messaġġi pubbliċitarji jew ta’ sponsorjar ikunu anqas minn 20 % tal-fatturat komplessiv, qed tiġi stabbilita, għal perijodu ta’ ħames snin, taxxa parafiskali fuq ir-reklami fuq ir-radju u t-televiżjoni.

Din it-taxxa hija intiża biex tippromwovi x-xandir bir-radju”.

10. L-Artikolu 2 tad-Digriet Nru 97-1263 igħid hekk:

“It-taxxa hija kkalkulata fuq il-bażi tas-somom, netti mill-kummissjonijiet ta’ l-aġenziji u t-taxxa fuq il-valur miżjud, imħallsa mill-klijent għax-xandir ta’ messaġġi pubbliċitarji fit-territorju Franċiż.

Il-persuni suġġetti għat-taxxa huma dawk li jikkummerċjalizzaw il-messaġġi pubbliċitarji.

Ir-rata tat-taxxa hija stabbilit permezz ta’ digriet konġunt tal-Ministri inkarigati mill-Baġit u l-Komunikazzjoni, skond skala abbażi tad-dħul ta’ kull tliet xhur tal-persuni suġġetti għat-taxxa, wara li jiġu applikati dawn il-limiti massimi:

[…]

II. Ir-riklami fuq it-televiżjoni

Sa 3 miljuni inklużi….	6 500
[…]	
minn 780 sa 840 miljun inklużi….	7 602 070
minn 840 sa 900 miljun inklużi….	8 181 250
’il fuq minn 900 miljun….	8 760 480” [8].

8 — Iċ-ċifri qed jingħataw fi FRF. Fil-leġiżlazzjoni preċedenti, applikabbli għall-perijodu ta’ bejn l-1993 u l-1997 kienu għadhom japplikaw, skont l-Artikolu 2 tad-digriet tat-30 ta’ Settembru 1992, nru 92-1053 (Décret n. 92-1053 portant renouvellement d’une taxe parafiscale au profit d’un fonds de soutien à l’expression radiophonique, JORF tal-1 ta’ Ottubru 1992, n. 228), dawn il-limiti massimi għal-livelli tat-tariffi relattivi (anki f’dan il-każ iċ-ċifri jingħataw fi FRF): sa 3 miljuni inklużi: 4 430; […]; minn 780 sa 840 miljun inklużi: 5 175 000; minn 840 sa 900 miljun inklużi: 5 569 270; ’il fuq minn 900 miljun: 5 963 570.

11. Skont l-Artikolu 3 tad-Digriet Nru 97-1263, id-dħul nett mit-taxxa jiġi allokat lil *fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju*, li jiġi amministrat f'kont separat tal-kontabbiltà tal-Istitut Nazzjonali tal-Awdjoviżiv [9].

12. Skont l-Artikolu 4 tad-Digriet Nru 97-1263, it-taxxa hija kkalkolata, iffissata u tinġabar mid-direttorat ġenerali tat-taxxi [10], li tpoġġiha fil-kont li jiffinanzja l-fond ta' sostenn skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud bil-garanziji u s-sanzjonijiet relattivi.

13. L-Artikoli 7 sa 20 tad-Digriet Nru 97-1263 fihom dispożizzjonijiet fuq l-għajnuna mogħtija mill-istitut nazzjonali tal-awdjoviżiv ġejja mid-dħul nett mit-taxxa allokat lill-fond ta' sostenn. Id-destinatarji tal-għajnuna huma d-detenturi ta' liċenzja għas-servizzi ta' xandir skont l-Artikolu 1 tad-Digriet Nru 97-1263.

14. Skont l-Artikolu 7 tad-Digriet Nru 97-1263, l-għajnuna tingħata minn kumitat konsultattiv abbażi tar-riżorsi disponibbli. Il-kompożizzjoni u r-regolament intern tal-kumitat huma rregolati mill-Artikolu 7, u mill-Artikoli 8 sa 11 tad-Digriet Nru 97-1263.

9 — Institut national de l'audiovisuel.

10 — Direction générale des impôts.

15. Id-Digriet Nru 97-1263 jistabbilixxi tliet tipi ta' għajnuna:

— *għajnuna għall-installazzjoni* skont l-Artikoli 12 u 13 tad-digriet, li jingħata lil stazzjonijiet tar-radju li jkunu akkwistaw liċenzja ġdida, sa massimu ta' FRF 100 000,

— *għajnuna għall-apparat* skont l-Artikolu 14 tad-digriet, li jista' jingħata abbażi tad-dokumentazzjoni ppreżentata mill-istazzjonijiet tar-radju rispettivi, bħala ħlas ta' darba f'perijodu ta' ħames snin, imma mhux qabel ħames snin mill-għoti tal-għajnuna għall-installazzjoni; l-għajnuna għall-apparat m'għandhiex taqbeż il-50 % tal-investiment u, barra minn hekk, tista' tingħata għal ammont massimu ta' FRF 100 000;

— *għajnuna ta' kull sena għall-funzjonament* mogħtija skont il-kundizzjonijiet għall-għoti stabbiliti fl-Artikoli 16 u 17 tad-digriet.

16. L-ammont bażiku tal-għajnuna għall-funzjonament huwa ffissat skont tariffa mħejjija mill-kumitat konsultattiv tal-fond tas-sostenn [11]. F'dan ir-rigward issir referenza

11 — Kif irriżulta mill-proċedura orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kull sena issir tabella ġdida speċifikament biex jintwera l-istat finanzjarju tal-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju. Dan jista' jiġi kkonfermat anki minn eżami rapidu tar-rapporti annwali tal-fond ta' sostenn (li huma disponibbli f'verżjoni elettronika fis-sit tal-fond iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3).

għad-dħul mill-amministrazzjoni ordinarja tal-istazzjon tar-radju kkonċernat, qabel ma jitnaqqsu l-ispejjeż għall-bejgħ ta' reklami.

III — L-isfond tal-kawża

A — *Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sistema ta' għajnuna Franċiża*

17. L-ammont bażiku tal-għajnuna għall-funzjonament jista' jiżdied b'60 %, skont l-isforzi magħmula mill-istazzjon tar-radju kkonċernat biex jiddiversifika r-riżorsi finanzjarji marbutin direttament mal-attività ta' xandir bir-radju, il-miżuri favur it-taħriġ professjonali tal-persunal adottati minnhom, il-miżuri ta' natura edukattiva u kulturali, il-parteċipazzjoni f'inizjattivi komuni fil-kuntest tal-programmi kif ukoll l-isforzi magħmulin fil-qasam tal-komunikazzjoni soċjali fil-kuntest tal-viċinat u fil-qasam tal-integrazzjoni.

19. Is-sistema ta' għajnuna Franċiża inkwistjoni diġà ġiet innotifikata diversi drabi lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 93(3) tat-Trattat KE — għal diversi perijodi konsekuttivi — u għalhekk kienet diġà s-suġġett ta' diversi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-verżjonijiet differenti mħejjija li jikkorrispondu ma' dawn il-perijodi. Id-deċiżjoni inkwistjoni tal-1997 tagħmel parti minn dawn id-deċiżjonijiet.

Il-fatti ta' qabel id-deċiżjoni kkontestata

18. Fl-aħħar, għandu jiġi osservat li s-sistema ta' għajnuna inkwistjoni nbidlet mill-ġdid fl-2003. Minn dakinhar ir-reklami trażmessi minn Franza biss jiġu suġġetti għat-taxxa fuq ir-reklami bir-radju, filwaqt li t-taxxa ma tolqotx iktar messaġġi pubbliċitarji trażmessi minn barra lejn it-territorju Franċiż [12].

20. Bl-ittra tal-1 ta' Marzu 1990 [13] il-Kummissjoni kienet diġà nnotifikat lill-awtoritajiet Franċiżi li ma kellhiex oġġezzjonijiet għas-sistema ta' għajnuna, fil-forma li nnotifikawlha

12 — Artikolu 302bis KD tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxa (Code général des impôts) fil-verżjoni tal-liġi finanzjarja għall-2003 (Artikolu 47 tal-liġi tat-30 ta' Diċembru 2002, nru 2002-1575, JORF tal-31 ta' Diċembru 2002, p. 22025), kif emendat bl-Artikolu 22 tal-liġi tal-1 ta' Awwissu 2003, nru 2003-709, fuq il-patroċinju tal-arti, l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet (Loi relative au mécénat, aux associations et aux fondations, JORF tat-2 ta Awwissu 2003, p. 13277).

13 — Ittra tal-Viċi President tal-Kummissjoni, Sir Leon Brittan, lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin Franċiż; referenza SG(90) D/02864.

fil-bidu tal-1990 (għajnuna nru N 19/90). L-ittra ma tatx iktar raġunijiet.

21. Il-Kummissjoni lanqas ma qajmet oġġezzjonijiet kontra s-sistema li nnotifikawlha fissajf tal-1992 (għajnuna nru N 359/92), u kkomunikat il-pożizzjoni tagħha lill-awtoritajiet Franċiżi b'ittra tas-16 ta' Settembru 1992 [14]. Bħala motivazzjoni, il-Kummissjoni sostniet li "ma jidhirx li l-kompetizzjoni u l-kummerċ intrakomunitarju għandhom jiġu affettwati b'mod li jmur kontra l-interess komuni", billi l-benefiċjarji tas-sistema talgħajnuna huma stazzjonijiet tar-radju żgħar li jxandru lokalment. Għaldaqstant, setgħet tkun iġġustifikata deroga għall-projbizzjoni fuq l-għajnuna mill-Istat billi jibqgħu validi l-għanijiet ta' interess ġenerali li għandha s-sistema ta' għajnuna.

Id-deċiżjoni kkontestata

22. Fil-verżjoni applikabbli għall-perijodu bejn l-1998 u l-2002, is-sistema ta' għajnuna kkontestata ġiet innotifikata lill-Kummissjoni f'Ottubru tal-1997 (għajnuna nru N 679/97), flimkien ma' abbozz tad-digriet suċċessiv nru 97-1263. Wara dik in-notifika, fis-7 ta' Novembru 1997 il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra l-emendi proposti għassistema ta' għajnuna [15].

23. Id-deċiżjoni kkontestata ġiet innotifikata lill-awtoritajiet Franċiżi b'ittra tal-10 ta' Novembru 1997 [16], fejn il-Kummissjoni, biex timmotiva l-għażla tagħha, minn naħa, irreferiet għall-fatt li r-riżorsi baġitarji użati ma żdidux, u min-naħa l-oħra għall-fatt li l-benefiċjarji tal-għajnuna huma stazzjonijiet żgħar tar-radju li jxandru lokalment. Abbażi ta' dan sostniet li "ma jidhirx li l-kummerċ intrakomunitarju għandhu jiġu affettwat b'mod li jmur kontra l-interess komuni" [17]. Għaldaqstant, deroga għall-projbizzjoni fuq l-għajnuna mill-Istat setgħet tiġi ġġustifikata minħabba li baqgħu validi l-għanijiet ta' interess ġenerali li għandha s-sistema ta' għajnuna.

24. Wara li rċevew id-deċiżjoni kkontestata, l-awtoritajiet Franċiżi adottaw id-digriet numru 97-1263.

14 — Ittra tal-Viċi President tal-Kummissjoni, Sir Leon Brittan, lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin Franċiż; referenza SG(92) D/12470.

15 — Fit-test oriġinali: "[…] la Commission a décidé de ne pas soulever d'objection aux modifications du régime, telles que notifiées".

16 — Ittra ta' Karel Van Miert, membru tal-Kummissjoni, lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Franċiż; referenza SG(97) D/9265. Fil-ĠU 1999, C120, p. 2, tidher komunikazzjoni qasira fuq id-deċiżjoni, li minnha tirriżulta wkoll id-data tas-7 ta' Novembru 1997 bħala data ta' awtorizzazzjoni tas-sistema.

17 — "… les échanges intracommunautaires ne paraissent pas devoir être affectés dans une mesure contraire à l'intérêt commun …".

L-iżviluppi li seħħew wara d-deċiżjoni kkontestata

25. Is-sistema ta' għajnuna kkontestata, filverżjoni li kellha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2003, ġiet innotifikata mill-ġdid lill-Kummissjoni f'Novembru 2002. Wara dik in-notifika, il-Kummissjoni kkontestat għallewwel darba [18] l-fatt li t-taxxa fuq ir-reklami bir-radju u t-televiżjoni, intiża biex tiffinanzja s-sistema tal-għajnuna, tolqot ukoll il-messaġġi pubbliċitarji ġejjin minn barra lejn Franza.

26. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni *ratione loci* tat-taxxa ġie limitat għal messaġġi pubbliċitarji mxandra mit-territorju Franċiż [19] u n-notifika tas-sistema ta' għajnuna ġiet emendata f'Ġunju tal-2003.

27. Kien biss f'dak il-punt li l-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Franċiżi, b'ittra tat-28 ta' Lulju 2003 [20], bid-deċiżjoni tagħha li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra l-emendi li kellhom isiru fis-sistema ta' għajnuna li ġiet innotifikata lilha (għajnuna nru NN 42/03, li qabel kienet għajnuna nru N 725/02). Din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tirreferi espressament għal taxxa li ma tolqotx ir-reklami mxandra bir-radju minn barra lejn Franza.

B — *Il-fatti u l-kawża prinċipali*

28. Il-kumpannija Régie Networks, tifforma parti mill-grupp NRJ u tikkummerċjalizza l-ispazji pubbliċitarji fuq frekwenzi lokali għall-istazzjonijiet tar-radju tagħha. Fil-kuntest ta' din l-attività, Régie Networks ħallset fi Franza, fir-rigward tas-sena finanzjarja 2001, it-taxxa parafiskali fuq ir-reklami mxandra bir-radju u t-televiżjoni fl-ammont ta' EUR 152 524.

29. Régie Networks, billi qieset li din it-taxxa kienet inkompatibbli mad-dritt Komunitarju, talbet lid-Direction de contrôle fiscal [21] Rhône-Alpes-Bourgogne r-rimborż talammonti diġà mħallsa kif ukoll, għal dak il-

18 — Ittra tad-Direttorat Ġenerali Kompetizzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2003 lir-rappreżentanza permanenti Franċiża għall-Unjoni Ewropea; referenza COMP (2003) D/55066.

19 — Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

20 — Ittra ta' Mario Monti, membru tal-Kummissjoni, lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Franċiż; referenza C(2003) 2828.

21 — Direttorat Ġenerali tal-finanzi.

għan, l-eżenzjoni tagħha mit-taxxa. Hija ma rċevietx risposta fit-terminu ta' sitt xhur.

30. Għalhekk fit-3 ta' Awwissu 2004, Régie Networks ressqet rikors quddiem it-Tribunal administratif ta' Lyon [22], li, madankollu, ġie miċħud b'sentenza tal-25 ta' April 2006. Régie Networks appellat kontra din is-sentenza quddiem il-Cour administrative d'appel ta' Lyon [23], li hija l-qorti tar-rinviju.

IV — It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

31. B'digriet tat-12 ta' Lulju 2007, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Lulju 2007, il-Cour administrative d'appel ta' Lyon issospendiet il-proċedimenti u bagħtet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni nru N 679/97 ta' l-10 ta' Novembru 1997, li permezz tagħha din l-istituzzjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-bidliet li saru fis-sistema ta' għajnuna għax-xandir bir-radju stabbilita mid-digriet 92/1053, hija valida

— għal dak li jirrigwarda l-motivazzjoni tagħha,

— għal dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni li saret fuq il-kompatibbiltà mat-Trattat KE tal-finanzjament tas-sistema ta' għajnuna għax-xandir bir-radju stabbilita għall-perijodu bejn l-1998 u l-2002, u

— għal dak li jirrigwarda l-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' żieda fir-riżorsi baġitarji tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni?".

32. Fil-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentaw osservazzjonijiet, bil-miktub u orali, Régie Networks, il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

22 — It-Tribunal Amministrattiv ta' Lyon.
23 — Il-Qorti tal-Appell amministrattiva ta' Lyon.

V — Kunsiderazzjonijiet

A — *Ammissibilità tat-talba għal deċiżjoni preliminari*

1. Ammissibbiltà dwar l-oġġett

33. L-ewwel nett, jeħtieġ jiġi ċċarat jekk il-validità tad-deċiżjoni kkontestata għadhiex tista' tkun is-suġġett ta' talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

34. Skont ġurisprudenza stabbilita, jistgħu jintbagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar il-validità ta' att legali adottat mill-istituzzjonijiet Komunitarji biss sakemm ma jkunx kiseb karattru definittiv [24]. Il-prinċipju taċ-ċertezza legali fil-fatt jipprekludi li atti Komunitarji li jipproduċu effetti ġuridiċi jitpoġġew fid-dubju b'mod indefinittiv [25]. Il-persuna li hija leġittimata tagħmel rikors għal annullament stabbilit fl-Artikolu 173 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 230 KE) għandha tużah jekk trid tikseb stħarriġ ġudizzjarju tal-att inkwistjoni [26]. Kwalunkwe soluzzjoni oħra ġġib magħha r-riskju li jiġi eluż it-terminu tal-kontestazzjoni stabbilit fil-ħames punt tal-Artikolu 173 tat-Trattat KE u l-karattru definittiv li l-att jassumi meta jiskadi t-terminu [27].

35. L-individwu li jkun ħalla jgħaddi t-terminu perentorju biex jippreżenta rikors għall-annullament ta' att Komunitarju, kif preskritt fl-Artikolu 173 tat-Trattat KE jiġi affaċċjat bin-natura definittiva tiegħu u ma jkunx jista' jeċċepixxi iktar, lanqas inċidentalment, l-illegalità tiegħu quddiem il-qorti nazzjonali [28]. F'dawn il-każijiet il-qorti nazz-

24 — Sentenzi tad-9 ta' Marzu 1994, TWD Textilwerke Deggendorf (C-188/92, iktar 'il quddiem "TWD", Ġabra p. I-833, punti 13 sa 26); tat-30 ta' Jannar 1997, Wiljo (C-178/95, Ġabra p. I-585, punti 19 sa 24), u tal-15 ta' Frar 2001, Nachi Europe (C-239/99, Ġabra p. I-1197, punti 28 sa 39).

25 — Sentenzi TWD (punt 16), Wiljo (punt 19) u Nachi Europe (punt 29), iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24.

26 — Ara f'dan is-sens is-sentenzi TWD (speċjalment il-punt 17), u Nachi Europe (punti 37 sa 39), iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24.

27 — Sentenzi TWD (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punti 17 u 18), Nachi Europe (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punti 29 u 30), kif ukoll tal-20 ta' Settembru 2001, Banks (C-390/98, Ġabra p. I-6117, punt 111); tat-23 ta' Frar 2006, Atzeni *et* (Kawżi magħquda C-346/03 u C-529/03, Ġabra p. I-1875, punt 31), u tal-5 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Franza (C-232/05, Ġabra p. I-10071, punt 59).

28 — Sentenzi TWD (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punti 13 u 17), Nachi Europe (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punti 30 u 37), u tal-10 ta' Lulju 2003, Il-Kummissjoni vs Il-BĊE (C-11/00, Ġabra p. I-7147, punt 75). Iżda din il-ġurisprudenza tirreferi biss għall-każijiet fejn il-kawża quddiem il-qorti nazzjonali u t-talba eventwali għal deċiżjoni preliminari jkunu, minħabba l-oġġett tagħhom, xierqa biex tiġi mistħarrġa l-validità ta' att ġuridiku Komunitarju; ara s-sentenzi Banks (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 112) u Wiljo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punti 27 u 29).

jonali hija marbuta bl-att Komunitarju li jkun sar definittiv, u ma tkunx tista' tpoġġi iktar fid-dubju l-validità tiegħu billi tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja [29].

36. Dawn il-kundizzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' azzjoni inċidentali quddiem il-qorti nazzjonali u l-possibbiltà li ssir domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja jgħoddu unikament fil-każijiet fejn l-individwu seta' *mingħajr ebda dubju* jressaq rikors għal annulament quddiem il-qrati Komunitarji [30].

37. F'dan il-każ partikolari ma jistax jingħad li d-dritt ta' Régie Networks biex tressaq rikors quddiem il-qrati Komunitarji kien ikun *mingħajr ebda dubju* biżżejjed biex tiġi mistħarrġa l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata anki millat *sostantiv* tagħha.

38. Billi Régie Networks ma kinitx id-destinatarja tad-deċiżjoni kkontestata, hija setgħet tikkontesta l-validità tal-att b'rikors għal annullament biss jekk id-deċiżjoni kkontestata kienet tikkonċernaha direttament u individwalment (ir-raba' punt tal-Artikolu 173 tat-Trattat KE).

39. Iżda jidher li l-eżistenza ta' *interess dirett* ta' Régie Networks toħloq problema.

40. Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni awtorizzat sistema ta' għajnuna. Għal dak li għandu x'jaqsam mat-taxxa parafiskali intiża biex tiffinanzja dik is-sistema ta' għajnuna, l-awtoritajiet Franċiżi jgawdu minn diskrezzjoni wiesgħa kemm fir-rigward tal-ammont tat-taxxa kif ukoll tal-ġbir tagħha. Jista' jingħad l-istess għall-ħlasijiet effettwati mill-fond ta' sostenn lill-istazzjonijiet tarradju li huma intitolati għall-għajnuna: dawn jiddependu mid-deċiżjonijiet individwali adottati mill-kumitat konsultattiv kompetenti, li fi kwalunkwe każ jidher li jgawdi minn diskrezzjoni fir-rigward tal-għoti tal-għajnuna għall-apparat kif ukoll taż-żieda eventwali tal-ammont ta' għajnuna kull sena għall-funzjonament [31].

41. Għaldaqstant, il-fatti ta' dan il-każ mhumiex paragunabbli mal-każijiet fejn Stat Membru huwa obbligat jittrasponi att maħruġ

29 — Sentenzi TWD (punt 25), Wiljo (punt 24), u Nachi Europe (punt 40), ilkoll iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24. Skont dak li ġie stabbilit fis-sentenza Atzeni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punti 30 u 34), talba għal deċiżjoni preliminari intiża biex tiġi mistħarrġa l-validità tal-att Komunitarju inkwistjoni hija *inammissibbli*.

30 — Il-prinċipju li d-dritt tal-individwu li jressaq rikors skont ir-raba' punt tal-Artikolu 173 tat-Trattat KE għandu jeżisti "mingħajr ebda dubju", jew "mingħajr dubju", jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti riesposta fis-sentenzi TWD (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 24), Wiljo (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punti 21 u 23), Nachi Europe (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punti 37 e 38), Banks (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 111), kif ukoll tat-8 ta' Marzu 2007, Roquette Frères (C-441/05, Ġabra p. I-1993, punti 40, 41, 47 u 48). Bl-istess mod, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1996, Accrington Beef (C-241/95, Ġabra. I-6699, punti 15 u 16); tal-11 ta' Novembru 1997, Eurotunnel *et* (C-408/95, Ġabra p. I-6315, punti 28 u 29), u Atzeni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 34) eżaminaw il-kwistjoni jekk kienx "evidenti" jew "manifest" li r-rikors għal annullament tal-individwu kien ammissibbli.

31 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 15 sa 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

minn istituzzjoni Komunitarja, u fejn it-traspożizzjoni ssir b'mod awtomatiku peress li l-awtoritajiet nazzjonali ma jkollhom ebda poter diskrezzjonali f'dan ir-rigward [32]; wisq anqas mhuma paragunabbli ma' każijiet fejn *a priori* ma jkunx hemm dubju li l-awtoritajiet nazzjonali se jittrasponu att Komunitarju b'mod għal kollox determinat [33].

42. Imbagħad, għal dak li jirrigwarda l-*interess individwali*, irid ikun jista' jiġi affermat li d-deċiżjoni kkontestata tirrigwarda lil Régie Networks minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għaliha jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tiddifferenzjaha minn ħaddieħor u li għalhekk tiddistingwiha bl-istess mod bħad-destinatarji (l-hekk imsejħa ġurisprudenza Plaumann) [34]. Madankollu, lanqas din il-karatterizzazzjoni individwali ta' Régie Networks ma' tista' tiġi indikata b'ċertezza.

43. Fil-fatt, id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata biss wara eżami preliminari sommarju tas-sistema ta' għajnuna Franċiża skont l-Artikolu 93(3) tat-Trattat KE ("l-ewwel fażi" tal-proċedura ta' eżami tal-għajnuna), jiġifieri mingħajr l-ebda tip ta' stħarriġ formali ("it-tieni fażi" tal-proċedura ta' eżami tal-għajnuna) skont l-Artikolu 93(2) tat-Trattat KE. Kumpannija bħal Régie Networks setgħet għalhekk eventwalment tikkontesta din id-deċiżjoni sempliċiment biex tagħti lok għat-tieni fażi tal-proċedura tal-eżami tal-għajnuna, biex tkun tista' tgawdi, b'mod partikolari, mill-ħarsien li hemm fil-garanziji proċedurali tas-sistema ta' stħarriġ formali li jirriżultaw mill-Artikolu 93(2) tat-Trattat KE [35].

44. Minkejja dan, f'dan il-każ partikolari ma ġiex ikkontestat li Régie Networks ma setgħetx tuża l-mekkaniżmu ta' garanziji fil-proċedura ta' eżami formali tal-għajnuna [36]. It-talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour administrative d'appel għandha x'taqsam primarjament mal-kwistjoni tal-*legalità sostantiva* tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni ddeċidietx sew meta sabet li s-sistema ta' għajnuna Franċiża hi kompatibbli mas-suq komuni.

32 — Sentenzi tal-5 ta' Mejju 1998, Dreyfus vs Il-Kummissjoni (C-386/96 P, Ġabra p. I-2309, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk), u tat-2 ta' Mejju 2006, Regione siciliana vs Il-Kummissjoni (C-417/04, Ġabra p. I-3881, punt 28).

33 — Sentenza Dreyfus (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, punt 44, u l-ġurisprudenza iċċitata hemmhekk), kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 1996, AIUFFASS u AKT vs Il-Kummissjoni (T-380/94, Ġabra p. II-2169, punt 46).

34 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni (25/62, Ġabra p. 197, b'mod partikolari p. 220), u ġurisprudenza kostanti: ara, bħala eżempju, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum (C-78/03, Ġabra I-10737, punt 33), u tad-29 ta' Novembru 2007, Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni (C-176/06, punt 19).

35 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34, punt 35), u Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34, punti 19 sa 22).

36 — F'dan is-sens, u b'referenza għal rikors għal annullament, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-20 ta' Settembru 2007, Fachvereinigung Mineralfaserindustrie vs Il-Kummissjoni (T-254/05, punti 48 sa 56, u b'mod partikolari 48 u 56).

45. Iżda mil-lat tal-*analiżi sostantiva* tal-għajnuna min-naħa tal-Kummissjoni, li huwa l-aspett rilevanti f'dan il-każ, jeħtieġ jiġi osservat li l-fatt li impriża tkun parti potenzjalment ikkonċernata skont l-Artikolu 93(2) tat-Trattat KE, mhuwiex fih innifsu biżżejjed biex id-deċiżjoni tikkonċernaha individwalment u li jiġi rikonoxxut fil-konfront tagħha li għandha dritt tmur quddiem il-qrati Komunitarji. F'każ simili, hija għandha tipprova li għandha kwalità partikolari skont il-ġurisprudenza ċċitata Plaumann. Dan japplika b'mod partikolari fil-każ fejn il-pożizzjoni fis-suq tar-rikorrenti tkun *affettwata sostanzjalment* mill-għajnuna — jew mis-sistema ta' għajnuna — inkwistjoni [37].

46. Fid-dawl tad-daqs relattivament żgħir tal-istazzjonijiet tar-radju benefiċjarji u l-ammont limitat tal-għajnuna li tingħatalhom mill-fond Franċiż ta' sostenn għax-xandir bir-radju, inqis li hija kemmxejn improbabbli t-theddida ta' dannu sostanzjali għall-pożizzjoni fis-suq ta' impriżi ta' xandir bir-radju ta' natura kummerċjali li joperaw fil-livell nazzjonali, kif ukoll l-organiżmi li jikkummerċjalizzaw l-ispazji pubbliċitarji [38]. Fi kwalunkwe każ, Régie Networks ma kinitx f'pożizzjoni tali li wieħed ikollu jgħid li kien ikun hemm ħsara simili sostanzjali għall-pożizzjoni tagħha fis-suq, jew tal-grupp NRJ, u li għalhekk hija setgħet *mingħajr ebda dubju* tressaq b'mod leġittimu rikors quddiem il-qrati Komunitarji.

47. Minflok, huwa iktar verosimili li s-sistema ta' għajnuna Franċiża awtorizzata permezz tad-deċiżjoni kkontestata tirrigwarda lil Régie Networks mhux tant bħala kompetitriċi tal-impriżi benefiċjarji, imma iktar, prinċipalment, bħala persuna suġġetta għat-taxxa inkwistjoni. B'dan il-mod Régie Networks ma kinitx tifforma parti minn grupp ristrett ta' partijiet interessati, imma d-deċiżjoni kkontestata kellha riperkussjonijiet fuqha bl-istess mod bħal kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor, abbażi ta' kriterji oġġettivi, ġenerali u astratti. Dan juri li mhijiex ikkonċernata individwalment [39].

37 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34, punt 37) u Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34, punti 24 u 28 sa 29), kif ukoll is-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing (C-525/04 P, Ġabra p. I-9947, punt 31) u Spiace vs Il-Kummissjoni (C-260/05 P, Ġabra p. I-10005, punt 54); ara wkoll is-sentenza Fachvereinigung Mineralfaserindustrie vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36, punt 35).

38 — Is-sempliċi fatt li att bħad-deċiżjoni kkontestata jista' jinfluwenza r-relazzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq rilevanti u li l-impriża kkonċernata tkun b'xi mod f'kompetizzjoni mal-benefiċjarju tad-deċiżjoni mhuwiex biżżejjed biex tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala kkonċernata individwalment minnha (ara f'dan is-sens is-sentenza Spanja vs Lenzing, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 37, punt 32).

39 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Settembru 1998, Waterleiding Maatschappij vs Il-Kummissjoni (T-188/95, Ġabra p. II-3713, punti 67 u 68); ara bl-istess mod, fir-rigward tal-kwalità ta' "persuna kkonċernata" bħala operatur ekonomiku abbażi ta' kriterji oġġettivi, is-sentenza Plaumann (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34, p. 220), kif ukoll is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 1985, Piraiki/Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni (11/82, Ġabra p. 207, punt 14); tal-24 ta' Frar 1987, Deutz und Geldermann vs Il-Kunsill (26/86, Ġabra p. 941, punt 12), u tat-22 ta' Novembru 2001, Antillean Rice Mills vs Il-Kunsill (C-451/98, Ġabra p. I-8949, punt 51).

48. Għaldaqstant, l-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament ippreżentat minn Régie Networks kontra d-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni kienet tkun dubbjuża ħafna għal dak li jirrigwarda l-leġittimazzjoni tagħha biex taġixxi (ir-raba' punt tal-Artikolu 173 tat-Trattat KE).

49. Fir-rigward tad-dritt fundamentali għal ħarsien ġudizzjarju effettiv [40], jekk ikun hemm inċertezzi dawn m'għandhomx, ġeneralment, jiġu solvuti, jekk ikun hemm rinviju għal deċiżjoni preliminari, għad-dannu tal-partijiet ikkonċernati. Li kieku ma kienx hekk, dawn ikollhom jippreżentaw, sistematikament, rikors għal annullament sempliċiment għall-prudenza, anki f'każ ta' ammissibbiltà dubjuża tagħhom u dan biex ma jitilfux il-possibbiltà li jitolbu li jsir stħarriġ ġudizzjarju tal-att Komunitarju inkwistjoni. Dan ma tantx huwa mixtieq anki għal raġunijiet ta' ekonomija proċedurali [41].

50. Kumplessivament, nasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni kkontestata ma kellhiex karattru definittiv fil-konfront ta' Régie Networks, u b'hekk il-Cour administrative d'appel setgħet bid-dritt tqajjem il-kwistjoni tal-validità tagħha bħala s-suġġett ta' din id-domanda preliminari.

2. Rilevanza tad-domanda preliminari

51. Il-Kummissjoni tesprimi dubji dwar ir-rilevanza tad-domanda preliminari. Fil-fehma tagħha, il-validità tad-deċiżjoni kkontestata ma taffettwa bl-ebda mod l-evalwazzjoni tal-legalità jew le tat-taxxa parafiskali, li r-restituzzjoni tagħha hija l-qofol tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali: fil-fatt it-taxxa mhijiex parti integrali mis-sistema ta' għajnuna awtorizzata mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, anki fil-każ ta' dikjarazzjoni ta' invalidità tad-deċiżjoni kkontestata, ma jeżisti l-ebda obbligu tal-awtoritajiet Franċiżi li jirrestitwixxu s-somom diġà miġburin; hija l-Kummissjoni li fl-ewwel lok ikollha tiddeċiedi mill-ġdid fuq is-sistema ta' għajnuna.

52. Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni mhijiex konvinċenti.

40 — Ara fir-rigward ta' dan id-dritt fundamentali l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali (iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950), kif ukoll l-ewwel punt tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ipproklamata f'Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000, ĠU C 364, p. 1); ara wkoll, is-sentenzi tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston (222/84, Ġabra p. 1651, punti 18 u 19); tal-25 ta' Lulju 2002, Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill (C-50/00 P, Ġabra p. I-6677, punt 39); tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 37), u tal-15 ta' April 2008, Impact (C-268/06, Ġabra p. I-2483, punt 43).

41 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet li ppreżentajt fis-26 ta' Ottubru 2006 fil-kawża Roquette Frères (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30, punt 33).

53. Skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivvaluta esklużivament il-ħtieġa ta' talba għal deċiżjoni preliminari, u l-Qorti tal-Ġustizzja, in ġenerali, hija obbligata tiddeċiedi fuq id-domandi li jintbagħtulha, jekk ikollhom x'jaqsmu mal-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju [42]. In ġenerali, il-preżunzjoni ta' rilevanza tad-domandi magħmula għal deċiżjoni preliminari mill-qrati nazzjonali tista' tiġi eskluża biss f'każijiet eċċezzjonali, jekk jirriżulta b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju kkunsidrati f'dawk id-domandi ma jkollha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew l-oġġett tal-kawża prinċipali [43].

54. Issa f'dan il-kaz wieħed ma jistax jitkellem fuq *nuqqas ta' rilevanza manifesta* tad-domanda preliminari magħmula mill-Cour administrative d'appel għall-finijiet tad-deċiżjoni tal-kawża prinċipali.

55. Kuntrarajment għall-opinjoni tal-Kummissjoni, bl-ebda mod mhuwa żbaljat li jiġi kkunsidrat li dikjarazzjoni eventwali ta' invalidità tad-deċiżjoni kkontestata timplika fl-istess ħin l-illegalità tat-taxxa parafiskali. Fil-fatt, din it-taxxa hija intiża biex tiffinanzja l-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju li fuqu tistrieħ is-sistema ta' għajnuna Franċiża. Għalhekk, *prima facie* teżisti rabta funzjonali bejn it-taxxa u l-għajnuna lis-stazzjonijiet żgħar tar-radju li tiffinanzja; għalhekk ma jistax jiġi eskluż *a priori* li din ir-rabta funzjonali hija biżżejjed stretta li t-taxxa tiġi kkunsidrata bħala parti integrali tas-sistema ta' għajnuna msemmija. Madankollu, eżami iktar fil-fond tan-rabta funzjonali ma jidħolx fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tad-domanda preliminari, iżda jsib postu fl-analiżi tal-mertu tal-istess domanda [44].

56. Anqas u anqas ma wieħed jista' jitkellem fuq nuqqas ta' rilevanza tad-domanda preliminari minħabba l-fatt li l-Kummissjoni jkollha eventwalment tiddeċiedi mill-ġdid fuq il-kompatibbiltà tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni mas-suq komuni.

57. Ma jistax jiġi evitat li tiġi mistħarrġa l-validità ta' att Komunitarju, bħad-deċiżjoni kkontestata, permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, minħabba s-sempliċi fatt li dikjarazzjoni tal-invalidità tiegħu timplika l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida li eventwalment tista' tkun identika fil-kontenut tagħha. It-talba għal deċiżjoni preliminari intiża biex tkun aċċertata l-validità ta' att Komunitarju hija fil-fatt strument ta' stħarriġ tal-legalità tal-atti

42 — Sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, Ġabra p. I-4921, punt 59); tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini (C-119/05, Ġabra p. I-6199, punt 43), u tas-17 ta' April 2008, Quelle (C-404/06, Ġabra p. I-2685, punt 19).

43 — Sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2007, Dell'Orto (C-467/05, Ġabra p. I-5557, punt 40) u tal-1 ta' April 2008, Il-Gvern tal-Komunità Franċiża u l-Gvern tal-Wallonja (C-212/06, Ġabra p. I-1683, punt 29). Fir-rigward tal-preżunzjoni tal-ħtieġa tad-domandi preliminari għall-finijiet tas-sentenza li għandha tingħata ara, ukoll, is-sentenzi tal-15 ta' Mejju 2003, Salzmann (C-300/01, Ġabra p. I-4899, punt 31); tal-5 ta' Diċembru 2006, Cipolla (Kawżi magħquda C-94/04 u C-202/04, Ġabra p. I-11421, punt 25), u tal-4 ta' Ottubru 2007, Rampion u Godard (C-429/05, Ġabra p. I-8017, punt 23).

44 — F'dan ir-rigward ara l-punti 101 sa 115 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tal-istituzzjonijiet Komunitarji [45]. L-iskop ta' dak l-istħarriġ mhux talli ma jfallix imma talli jintlaħaq meta l-istituzzjoni Komunitarja kompetenti terġa' tieħu l-inizjattiva wara d-dijkarazzzjoni ta' invalidità ta' att li tkun ħarġet u taġixxi, mingħajr ma tikkommetti żball ta' liġi, anki jekk l-effett prattiku huwa dak li tasal għall-istess riżultat bħal ta' qabel.

58. Barra minn hekk, f'dan il-każ xejn ma jippermetti li jiġi preżunt *a priori* li anki deċiżjoni ġdida tal-Kummissjoni bilfors għandha twassal għal awtorizzazzjoni tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni. B'hekk, il-qofol tad-domanda preliminari magħmula mill-Cour administrative d'appel mhuwiex biss difetti fil-forma, li jistgħu jiġu rranġati faċilment, imma wkoll kwisitjonijiet bħal-legalità sostantiva tas-sistema Franċiża ta' għajnuna fid-dawl tal-finanzjament tagħha. Fil-każ ta' inkompatibbiltà ta' dawn il-metodi ta' finanzjament mad-dritt Komunitarju — pereżempju mal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi — jista' jirriżulta li t-tneħħija tal-illegalità tat-taxxa miġbura tkun ikkumplikata anki jekk ikun hemm deċiżjoni ġdida tal-Kummissjoni.

59. F'dan il-kuntest, madankollu, id-domanda preliminari mhijiex *manifestament irrilevanti*, għall-finijiet tad-deċiżjoni fil-kawża prinċipali. Il-fatt li l-Kummissjoni, fil-każ ta' dikjarazzjoni ta' invalidità tad-deċiżjoni kkontestata, ikollha, jekk ikun il-każ, tiddeċiedi mill-ġdid fuq il-kompatibbiltà tas-sistema ta' għajnuna mas-suq komuni xejn mhu rilevanti għall-finijiet tal-ammissibbiltà tad-domandi preliminari; imma l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tqis debitament dan il-fatt meta tillimita l-effetti *ratione temporis* tas-sentenza tagħha [46].

3. Konklużjoni proviżorja

60. Għaldaqstant, id-domanda preliminari hija, kumplessivament, ammissibbli.

B — *Eżami tal-mertu tad-domanda preliminari*

61. Il-Cour administrative d'appel issemmi tliet motivi ta' invalidità li jistgħu jivvizzjaw id-deċiżjoni kkontestata: motivazzjoni insuf-

45 — Sentenzi tat-22 ta' Ottubru 1987, Foto Frost (314/85, Ġabra p. I-4199, punt 16); tal-21 ta' Frar 1991, Zuckerfabrik Süderdithmarschen u Zuckerfabrik Soest (Kawżi magħquda C-143/88 u C-92/89, Ġabra p. I-415, punt 18), u tas-6 ta' Diċembru 2005, ABNA *et* (Kawżi magħquda C-453/03, C-11/04, C-12/04 u C-194/04, Ġabra p. I-10423, punt 103).

46 — Ara, fuq dan is-suġġett, il-punti 101 sa 115 ta' dawn il-konklużjonijiet.

fiċjenti, żball manifest ta' evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi fattwali kif ukoll żball ieħor manifest ta' evalwazjoni li jikkonsisti fil-fatt li l-Kummissjoni, meta eżaminat is-sistema ta' għajnuna, ma qisitx il-metodu ta' finanzjament tagħha.

denti jista' jiġi ddikjarat invalidu matul il-proċedimenti għal deċiżjoni preliminari [48].

a) Fuq in-nuqqas ta' referenza għall-metodu ta' finanzjament tas-sistema ta' għajnuna

1. Fuq l-illegalità proċedurali tad-deċiżjoni kkontestata: motivazzjoni insuffiċjenti

64. L-ewwel nett għal dak li jirrigwarda l-finanzjament tas-sistema ta' għajnuna, mhux ikkontestat li l-Kummissjoni ma' tlissinx kelma dwaru fil-motivazzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata. Iżda dan is-skiet mhux bilfors ifisser li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn motivazzjoni insuffiċjenti.

62. Mit-test tad-digriet tar-rinviju jirriżulta li l-qorti tar-rinviju qed titlob mill-Qorti tal-Ġustizzja eżami tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata taħt żewġ aspetti [47]: minn naħa, il-Kummissjoni ma kkjarifikatx abbażi ta' liema ċirkustanzi ta' deroga tat il-kunsens tagħha għas-sistema Franċiża ta' għajnuna; min-naħa l-oħra, hija ma ħaditx pożizzjoni fuq il-metodu ta' finanzjament tagħha.

65. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 190 tat-Trattat KE għandha tkun adegwata għan-natura tal-att u għandha turi b'mod ċar u mhux ekwivoku r-raġunament magħmul mill-istituzzjoni li toħorġu, b'mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jafu r-raġunijiet tal-provvediment adottat u l-qorti kompetenti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha. Il-ħtieġa tal-motivazzjoni għandha tiġi evalwata skont iċ-ċirkustanza tal-każ, b'mod partikolari

63. L-obbligu ta' motivazzjoni, skont l-Artikolu 190 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 253 KE) huwa rekwiżit proċedurali essenzjali, li l-inosservanza tiegħu jfisser li l-att korrispon-

47 — Il-Cour administrative d'appel b'dan il-mod tadotta r-raġunament ta' Régie Networks fil-kawża prinċipali, li hemm referenza għaliħ fid-digriet ta' rinviju.

48 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-7 ta' Lulju 1981, Rewe-Handelsgesellschaft Nord u Rewe-Markt Steffen (158/80, Ġabra p. 1805, punti 25 sa 27); tas-26 ta' Marzu 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (45/86, Ġabra p. 1493, punt 9) u tal-15 ta' April 2008, Nuova Agricast (C-390/06, Ġabra p. I-2577, punti 79 sa 86).

l-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi esposti u l-interess li d-destinatarji tal-att, jew persuni oħra li jkunu direttament u individwalment ikkonċernati minnu jista' jkollhom biex jirċievu spjegazzjonijiet [49].

66. Waħda mill-partikolaritajiet tal-proċedura tal-eżami tal-għajnuna timplika li jeħtieġ li wieħed jiddistingwi bejn, minn naħa, il-fażi preliminari tal-eżami, stabbilita mill-Artikolu 93(3) tat-Trattat, u min-naħa l-oħra, il-fażi tal-eżami formali stabbilita mill-Artikolu 93(2). Filwaqt li din l-aħħar fażi ta' indaġni formali hija intiża biex tippermetti lill-Kummissjoni tkun mgħarrfa kompletament fuq il-kumpless ta' tagħrif fuq il-problema, il-fażi preliminari għandha l-iskop biss li tippermetti lill-Kummissjoni tifformula l-ewwel opinjoni fuq il-kompatibbiltà parzjali jew totali tal-proġetti ta' għajnuna inkwistjoni mas-suq komuni [50], u hija kkaratterizzata minn żminijiet qosra [51].

67. Id-deċiżjoni kkontesta ġiet adottata fl-aħħar ta' din il-fażi preliminari, mingħajr ma l-Kummissjoni ma kienet tat bidu għattieni fażi ta' eżami. Għaldaqstant, anki l-ħtiġiet ta' motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni jirriżultaw inqas rigoruži meta mqabbla ma' dawk ta' deċiżjoni li ttemm il-fażi ta' eżami dettaljat matul l-indaġni formali. Fil-fatt, jeħtieġ li jiġu indikati biss il-motivi għalfejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li m'hemmx diffikultajiet gravi għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna kkontestata mas-suq komuni [52].

68. Fi kwalunkwe każ, il-motivazzjoni m'għandhiex tispeċifika bilfors l-elementi kollha ta' fatt u dritt rilevanti, billi l-aċċertament ta' jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti taħt l-Artikolu 190 tat-Trattat KE għandu jsir fid-dawl mhux biss tal-kontenut tagħha, imma anki tal-kuntest tagħha u tar-regoli legali li jirregolaw is-suġġett inkwistjoni [53].

49 — Ara, essenzjalment, is-sentenzi tat-2 April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63); tal-24 Novembru 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda C-138/03, C-324/03 u C-431/03, Ġabra p. I-10043, punt 54); tal-1 ta' Frar 2007, Sison vs Il-Kunsill (C-266/05 P, Ġabra p. I-1233, punt 80), u Nuova Agricast (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 48, punt 79).

50 — Sentenzi tad-19 ta' Mejju 1993, Cook vs Il-Kummissjoni (C-198/91, Ġabra p. I-2487, punt 22); tal-15 ta' Ġunju 1993, Matra vs Il-Kummissjoni (C-225/91, Ġabra p. I-3203, punt 16); Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punt 38); Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34, punt 20), u Nuova Agricast (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 48, punt 57).

51 — Sentenza Matra vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50, punt 48).

52 — Sentenza Matra vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50, punt 48).

53 — Sentenzi l-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (punt 63), L-Italja vs Il-Kummissjoni (punt 55), u Sison vs Il-Kunsill (punt 80), ilkoll iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49; sentenza Nuova Agricast (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 48, punt 79), u s-sentenza tat-22 ta' April 2008, Il-Kummissjoni vs Salzgitter (C-408/04 P, Ġabra p. I-2767, punt 56).

69. Billi d-deċiżjoni kkontestata hija t-tielet waħda fiż-żmien fost dawk adottati mill-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna inkwistjoni [54], hija setgħet liberament tassumi li l-kuntest globali li fih ittieħdet id-deċiżjoni kien magħruf u b'hekk tagħti deċiżjoni konċiża [55].

70. Fl-ittra tagħha ddatata 10 ta' Novembru 1997, il-Kummissjoni nnotifikat lill-awtoritajiet Franċiżi b'mod konċiż imma ċar, il-motivi għall-kunsens imġedded għall-estensjoni tassistema ta' għajnuna: hija qalet li r-riżorsi baġitarji ma kinux żdiedu, il-benefiċjarji kienu stazzjonijiet tar-radju ta' daqs żgħir b'semmiegħa ta' natura lokali, l-għanijiet ta' interess ġenerali nżammew u fl-aħħar il-kummerċ interkomunitarju ma kienx se jiġi affettwat b'mod li jmur kontra l-interess komuni.

71. Billi l-Kummissjoni, skont l-indikazzjonijiet tagħha stess, sostniet li l-metodu ta' finanzjament tas-sistema ta' għajnuna ma kienx rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tagħha mill-aspett tar-regoli fuq il-kompetizzjoni, hija ma kinitx obbligata ssemmih fil-motivazzjoni. Fil-fatt il-motivazzjoni ta' att Komunitarju għandha tinkludi biss kunsiderazzjonijiet ta' fatt u tad-dritt essenzjali li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni [56].

72. Il-kwistjoni jekk il-motivi esposti mill-Kummissjoni humiex korretti wkoll fil-mertu (il-fondatezza tal-motivazzjoni) [57], u jekk hija naqsitx milli tittratta punti determinanti ma tidħolx fil-kuntest tal-osservanza ta' rekwiżiti ta' forma essenzjali, imma iktar f'dak tal-legalità sostantiva tad-deċiżjoni kkontestata [58].

54 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 19 sa 24 ta' dawn il-konklużjonijiet.

55 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 1988, Franza vs Il-Kummissjoni (102/87, Ġabra p. 4067, punti 29 sa 31).

56 — Sentenzi tal-21 ta' Marzu 1955, L-Olanda vs L-Awtorità Għolja, (6/54, Ġabra p. 205, b'mod partikolari p. 222); tal-4 ta' Lulju 1963, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (24/62, Ġabra p. 129, b'mod partikolari p. 141); tal-15 ta' Lulju 1970, ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni (41/69, Ġabra p. 661, punt 78), u tal-21 ta' Marzu 2001, Métropole télévision vs Il-Kummissjoni (T-206/99, Ġabra p. II-1057, punt 44, l-aħħar sentenza).

57 — Sentenzi tal-20 ta' Marzu 1957, Geitling vs L-Awtorità Għolja (2/56, Ġabra p. 11, b'mod partikolari p. 38); tad-29 ta' April 2004, L-Olanda vs Il-Kummissjoni (C-159/01, Ġabra p. I-4461, punt 65), tal-15 Diċembru 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-66/02, Ġabra p. I-10901, punt 55).

58 — F'dan ir-rigward ara l-punti 95 sa 126 ta' dawn il-konklużjonijiet.

73. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra li n-nuqqas ta' spjegazzjonijiet dwar il-metodu ta' finanzjament tas-sistema ta' għajnuna ma jammontax għal nuqqas ta' motivazzjoni li jwassal għal ksur ta' rekwiżiti proċedurali essenzjali u għall-invalidità tad-deċiżjoni kkontestata.

b) Fuq in-nuqqas ta' referenza għall-bażi legali

74. Kif issostni ġustament Régie Networks, id-deċiżjoni kkontestata ma fiha l-ebda element li jiġġustifika s-sistema ta' għajnuna awtorizzata mill-Kummissjoni abbażi ta' kriterji ta' deroga kkontemplati fit-Trattat KE. L-unika referenza indiretta għall-bażi legali possibbli għad-deċiżjoni kkontesta tinstab f'sentenza qasira li hemm fl-ittra tal-Kummissjoni tal-10 ta' Novembru 1997, li permezz tagħha din tħabbar id-deċiżjoni tagħha lill-awtoritajiet Franċiżi. Minħajr ma tirreferi espressament għal xi dispożizzjoni konkreta, hija tgħid biss li "ma jidhirx li l-kummerċ intrakomunitarju għandu jiġi affettwat b'mod li jmur kontra l-interess komuni".

75. In-nuqqas ta' referenza għal dispożizzjonijiet preċiżi tat-Trattat mhuwiex neċessarjament ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni preskritt mill-Artikolu 190 tat-Trattat KE. Fil-fatt ma jeżisti l-ebda vizzju ta' forma jekk ikun possibbli li tiġi identifikata l-bażi legali ta' att bl-għajnuna ta' elementi oħrajn. Madankollu, referenza espliċita hija indispensabbli meta n-nuqqas ta' din ir-referenza tħalli lill-partijiet ikkonċernati u lill-qorti Komunitarja kompetenti fl-inċertezza dwar il-bażi legali preċiża tal-att [59].

76. F'dan il-każ, is-sempliċi riferiment tal-Kummissjoni għall-kummerċ intrakomunitarju u kemm jista' jintlaqat ma tippermettix li tiġi identifikata b'mod ċar il-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-verità, kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Gvern Franċiż isostnu li t-test imsemmi huwa indikazzjoni tal-fatt li d-deċiżjoni kkontestata kienet tistrieħ fuq l-Artikolu 92(3)(ċ) tat-Trattat KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 87(3)(ċ) KE). Madankollu jinsew jagħmlu referenza għall-fatt li l-Artikolu 92(3)(d) tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 87(3)(d) KE) jirreferi f'termini simili ħafna għas-sitwazzjoni tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni intrakomunitarji u għall-mod kif jistgħu possibilment jiġu affettwati [60]. Għaldaqstant, kriterju fformulat f'termini kważi identiċi jinsab f'żewġ dispożizzjonijiet ħdejn xulxin fit-Trattat, u t-tnejn jistgħu jiġu kkunsidrati, *a priori*, bħala bażi legali.

77. Għall-kuntrarju ta' dak li sostnew kemm il-Kummissjoni u kemm il-Gvern Franċiż, is-sistema ta' għajnuna kkontestata, m'għandhiex tiġi evalwata neċessarjament mil-lat tal-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet parti-

59 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 48, punt 9), u tat-12 ta' Diċembru 2007, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-308/05, Ġabra p. II-5089, punt 124).

60 — Ir-regola fl-Artikolu 92(3)(d) imdaħħla fit-Trattat KE bit-Trattat ta' Maastricht, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1993.

kolari jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi (l-Artikolu 92(3)(ċ) tat-Trattat KE). Sistema ta' għajnuna intiża biex issostni stazzjonijiet żgħar lokali li jkollhom in-natura ta' *radios associatives* ("stazzjonijiet taċ-ċittadini") tista' tkun ukoll strument għall-promozzjoni tal-kultura (l-Artikolu 92(3)(d) tat-Trattat KE). Dan huwa partikolarment veru f'dan il-każ billi l-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju huwa intiż ukoll biex jinkoraġġixxi inizjattivi fl-oqsma tal-komunikazzjoni soċjali fiż-żona tal-viċinat u tal-integrazzjoni [61]. Għalhekk ma jistax jiġi eskluż *a priori* li hemm valur kulturali fis-sistema ta' għajnuna li tikkonsisti, pereżempju, fil-promozzjoni, fit-tħeġġiġ u fl-iżvilupp ta' inizjattivi kulturali taż-żgħażagħ b'karattru lokali, f'ċerti bliet jew żoni permezz ta' trażmissjonijiet bir-radju [62].

78. Il-proċedura tal-eżami u l-politika ta' stħarriġ tal-għajnuna segwita mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-poter diskrezzjonali tagħha jistgħu jiddistingwu ruħhom minn xulxin skont kriterji ta' deroga applikati fost dawk li jidhru fl-Artikolu 92(3) tat-Trattat KE. Bħala eżempju, il-Kummissjoni meta taġixxi fil-kuntest tal-Artikolu 92(3)(d) ma tkunx tista' tittraskura l-għanijiet kulturali ta' karattru ġenerali tal-Komunità li hemm stabbiliti fl-Artikolu 128(2) tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 151(2) KE) li jistgħu jindikaw li għandu jkun hemm prattika iktar liberali fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-kultura.

79. Għalhekk, il-Kummissjoni kien imissha ħadet pożizzjoni iktar ċara fir-rigward tal-kriterju ta' deroga li kellu jiġi adottat bħala bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata: jekk il-bażi kinitx l-Artikolu 92(3)(ċ) jew (d) tat-Trattat jew xi abbinament tat-tnejn. L-ittra tal-10 ta' Novembru 1997 ma fiha l-ebda preċiżazzjoni f'dan ir-rigward. Lanqas ir-rabta maż-żewġ deċiżjonijiet preċedenti ma tikkjarifika l-affarijiet billi lanqas hemmhekk ma hemm referenzi ċari għal bażi legali.

80. Billi d-deċiżjoni kkontestata tħalli fl-inċertezza kemm lill-persuni kkonċernati kif ukoll lill-qrati rigward il-bażi legali adottata, hija tikser l-obbligu ta' motivazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 190 tat-Trattat KE. Għal

61 — L-Artikolu 17(2)(5) tad-digriet nru 97-1263; ara, f'dan ir-rigward, il-punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

62 — Il-politika kulturali tal-Komunità testendi espressament għall-ħolqien artistiku u letterarju, inkluż fil-kamp awdjoviżiv (ara l-Artikolu. 128(2) tat-Trattat KE, li sar l-Artikolu 151 (2) KE).

dan il-motiv jeħtieġ li tiġi ddikjarata invalida [63].

2. Illegalità sostantiva tad-deċiżjoni kkontestata

81. Iż-żewġ motivi ta' invalidità li fadal li ssemmi l-qorti tar-rinviju jeżiġu eżami tal-legalità sostantiva tad-deċiżjoni kkontestata.

82. Preliminarjament, jeħtieġ jitfakkar f'dan ir-rigward li skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 92(3) tat-Trattat KE jagħti lill-Kummissjoni poter diskrezzjonali wiesa' fuq l-awtorizzazzjoni tal-għajnuna [64]. Għalhekk il-qorti Komunitarja, meta tistħarreġ il-legalità tal-eżerċizzju ta' din il-libertà fit-teħid ta' deċiżjonijiet, ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjonijiet tagħha għal dawk tal-Kummissjoni, imma għandha tillimita ruħha biex tistabbilixxi jekk l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni hijiex ivvizzjata minn żball manifest jew minn abbuż ta' poter [65] (stħarriġ fuq żball manifest ta' evalwazzjoni jew fuq abbuż ta' poter). Huwa fil-kuntest ta' dan il-kriterju li hemm bżonn jiġu analizzati ż-żewġ motivi ta' invalidità imsemmija iktar 'il fuq.

a) Żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-ammont tar-riżorsi baġitarji intiżi biex jiffinanzjaw is-sistema ta' għajnuna

83. L-ewwel nett, il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex teżamina l-validità tad-deċiżjoni kkontestata fid-dawl ta' dak li ppreżumiet il-Kummissjoni, jiġifieri li r-riżorsi baġitarji intiżi biex jiffinanzjaw is-sistema ta' għajnuna ma żdidux bejn l-1998 u l-2002.

84. Il-Kummissjoni m'għandhiex raġun tipprova turi li din il-kwistjoni hija insinjifikanti għall-finijiet tal-awtorizzazzjoni tas-sistema tal-għajnuna u tal-legalità tagħha għaliex wieħed jiftakar li f'dak iż-żmien il-Kummissjoni stess kienet tat importanza għall-ammont

63 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 48, punt 22, moqri flimkien mal-punt 9).

64 — Sentenzi tat-22 ta' Marzu 1977, Iannelli & Volpi (74/76, Ġabra p. 557, punt 11), u Steinike & Weinlig (78/76, Ġabra p. 595, punt 8). Ara, ukoll, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2002, Franza vs Il-Kummissjoni (C-456/00, Ġabra p. I-11949, punt 41), u Atzeni *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 84).

65 — Sentenzi tal-14 ta' Jannar 1997, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-169/95, Ġabra p. I-135, punt 34); tal-5 ta' Ottubru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-288/96, Ġabra p. I-8237, punt 26); Franza vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 64, punt 41), u Atzeni *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 84); ara, fl-istess sens, is-sentenza tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummisjsoni (C-372/97, Ġabra p. I-3679, punt 83).

tar-riżorsi baġitarji u ddeċidiet li kien utli li ssemmi espressament din il-kwistjoni fil-kuntest tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fl-ittra konċiża ħafna tagħha tal-10 tal Novembru 1997.

85. Kuntrarjament għal dak li jidher li qed issostni l-Kummissjoni, lanqas dan il-punt ma jista' jevita l-istħarriġ tal-qrati. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxilha poter wiesa' diskrezzjonali fuq il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni, deċiżjoni tal-Kummissjoni dejjem tista' tkun — kif issemma' iktar 'il fuq [66] — suġġetta għal eżami minn qorti Komunitarja mill-aspett doppju ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u tal-abbuż ta' poter. F'dan ir-rigward l-eżami tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni jestendi b'mod partikolari għall-eżattezza u l-kompletezza tal-fatti li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni: il-qorti Komunitarja hija obbligata tivverifika mhux biss l-eżattezza materjali tal-elementi ta' prova miġjubin, kemm huma attendibbli u koerenti, imma għandha tiżgura wkoll jekk dawk l-elementi humiex il-kumpless ta' tagħrif li għandu jiġi kkunsidrat għall-evalwazzjoni ta' sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex ta' natura tali li jikkorroboraw il-konklużjonijiet imnissla minnhom [67].

86. Abbażi ta' dan, anki s-suppożizzjoni tal-Kummissjoni li r-riżorsi baġitarji intiżi biex jiffinanzjaw is-sistema ta' għajnuna ma żdidux fil-perijodu bejn l-1998 u l-2002 tista' tiġi eżaminata mill-aspett tal-eżattezza u l-kompletezza tal-fatt li fuqhom hi bbażata kif ukoll ta' kemm huma xierqa biex jikkorroboraw il-konklużjonijiet li tiġbed il-Kummissjoni stess.

87. F'dan ir-rigward jeħtieġ jiġi indikat li meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, fl-1997, l-ammont totali tas-somom li kienu jservu biex jiffinanzjaw il-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju għas-snin 1998 sa l-2002 ma setax jiġi aċċertat, billi dan kien jiddependi mid-dħul ta' kull sena fil-futur mit-taxxa parafiskali fuq ir-reklami bir-radju u t-televiżjoni. Għalhekk biex setgħet tadotta d-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kellha bilfors tibbaża ruħha fuq stimi.

88. Il-preżenza eventwali ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' dawn l-istimi għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi ta' fatt li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha dak iż-żmien, jiġifieri fl-1997 [68]. It-tagħrif fuq l-evoluzzjoni effettiva fil-futur tal-fondi li ġie ppreżentat mill-Kummissjoni u mill-Gvern Franċiż waqt il-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustiz-

66 — Ara l-punt 82 ta' dawn il-konklużjonijiet.

67 — Sentenzi tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (C-12/03, Ġabra p. I-987, punt 39); tat-18 ta' Lulju 2007, Industrias Quimicas del Vallés vs Il-Kummissjoni (C-326/05 P, Ġabra p. I-6557, punt 76), u Spanja vs Lenzing (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 37, punt 57); ara, fl-istess sens, is-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 65, punt 83).

68 — Sentenzi tal-10 ta' Lulju 1986, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (234/84, Ġabra p. 2263, punt 16); tas-26 ta' Settembru 1996, Franza vs Il-Kummissjoni (C-241-94, Ġabra p. I-4551, punt 33), u tal-14 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-276/02, Ġabra p. I-8091, punt 31). Skont is-sentenza Nuova Agricast (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 48, punt 54), din il-ġurisprudenza tapplika esplicitament anki fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati fil-fażi tal-eżami preliminari, fejn hija — bħal fil-każ preżenti — tiddeċiedi li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra din jew dik l-għajnuna jew sistema ta' għajnuna.

zja, ma kienx disponibbli fl-1997, u b'hekk għandu jiġi injorat jekk illum irid jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni dakinhar tal-fatti ikkommettietx żball manifest ta' evalwazzjoni [69].

89. Fost l-elementi ta' fatt li diġà kienu disponibbli fl-1997 kien hemm il-possibbiltà ta' żieda netta — li kienet possibbli bid-Digriet Nru 97-1263 [70] — fir-rati tat-taxxa li kienu jeżistu fuq ir-reklami mxandra permezz tat-televiżjoni. Imqabbel mad-Digriet Nru 92-1053 preċedenti, id-Digriet Nru 97-1263 żied b'iktar minn 46 % il-limiti awtorizzati għall-iffissar tal-livelli differenti tar-rata tat-taxxa [71]. Waqt il-proċedimenti Régie Networks għarrfet dan il-fatt, ġustament, lill-Qorti tal-Ġustizzja.

90. Dażgur, ma kienx hemm ċertezza li s-sempliċi żieda fil-limiti permessi kienet twassal neċessarjament għal żieda daqstant sinjfikanti fir-rati tat-taxxa effettivament applikabbli: biex setgħu jiġu ffissati, kien ikun meħtieġ li jinħareġ, skont dak li jgħid it-tielet punt tal-Artikolu 2 tad-Digriet Nru 97-1263, digriet ministerjali, li mhux bilfors kien jilħaq l-imsemmija limiti.

69 — Mingħajr dubju, anki ċ-ċifri tal-Kummissjoni u tal-Gvern Franċiż ma jurux *status quo* imma *żieda* — anki jekk moderata — fir-riżorsi baġitarji allokati kull sena għall-fond ta' sostenn.

70 — Il-Kummissjoni waqt il-proċedura ta' eżami tal-għajnuna kellha għad-dispożizzjoni tagħha abbozz tad-digriet nru 97-1263.

71 — Dwar il-limiti massimi tat-taxxa ara iktar 'il fuq, il-punt 10, u n-nota ta' qiegħ il-paġna 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

91. Barra minn hekk, l-ammont tar-riżorsi baġitarji li kellhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju għall-perijodu bejn l-1998 u l-2002 ma kienx jiddependi biss mir-rata tat-taxxa, imma wkoll mill-ammont tal-bażi taxxabbli, jiġifieri mid-dħul konkret mir-reklami li l-persuni taxxabbli jkunu daħħlu u dan it-tagħrif aktarx ivarja minn trimestru għal ieħor jew minn sena għall-oħra.

92. Madankollu, meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, wara li kien hemm żieda konsiderevoli (sa 46 %) tal-limiti permessi għar-rata tat-taxxa fuq ir-reklami tat-televiżjoni, ma setax jiġi eskluż li l-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju kellu minn dakinhar 'il quddiem igawdi minn fluss ta' fondi li kienu iktar konsiderevoli. Anzi, żieda bħal din tal-limiti tat-taxxa inkwistjoni kienet twassal biex jiġi mistenni li jkun hemm żieda tar-riżorsi baġitarji disponibbli, speċjalment billi l-biċċa l-kbira tad-dħul fiskali jiġi mir-reklami tat-televiżjoni.

93. La mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u lanqas mill-elementi l-oħra fattwali li għandha f'idejha l-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, ma jirriżulta li l-Kummissjoni qieset din iż-żieda tal-limiti tar-rati tat-taxxa, u lanqas, *a fortiori* mhija ċara r-raġuni għaliex hija kkunsidrat dan il-fatt bħala insinjifikanti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ jiġi affermat li fi

kwalunkwe każ il-Kummissjoni ma bbażatx id-deċiżjoni tagħha fuq l-elementi kollha ta' fatt rilevanti li hija seta' kellha f'idejha fiż-żmien tal-adozzjoni tagħha.

— Osservazzjonijiet preliminari

96. Kif issemma' iktar 'il fuq [72], l-Artikolu 92 (3) tat-Trattat KE jagħti lill-Kummissjoni poter diskrezzjonali wiesa' fir-rigward ta' awtorizzazzjonijiet ta' għajnuna. Għal dan il-motiv, l-istħarriġ tal-qorti fir-rigward talmertu tad-deċiżjoni huwa limitat biex jistabbilixxi li ma jkunx hemm żball manifest ta' evalwazzjoni jew abbuż ta' poter.

94. Isegwi minn dan li d-deċiżjoni kkontestata hija vviżjata minn żball manifest ta' evalwazzjoni u għalhekk hija illegali. Għal dawn il-motivi għandha tiġi ddikjarata invalida.

97. Barra minn hekk, fost il-limiti li huwa suġġett għalihom il-poter diskrezzjonali tal-Kummissjoni — li l-qorti Komunitarja tista' tistħarreġ — jeħtieġ jiġi mfakkar li hija, meta tadotta d-deċiżjonijiet tagħha fil-proċedimenti tal-eżami tal-għajnuna, qatt ma għandha tasal għal riżultat kuntrarju għal dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat KE u lanqas għal prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju bħall-prinċipju ta' trattament ugwali [73]. Għajnuna mill-Istat li, minħabba kundizzjonijiet speċifiċi, tikser dispożizzjonijiet tat-Trattat jew prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, ma tistax tiġi ddikjarata mill-Kummissjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni [74].

b) Fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni minħabba n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni talmetodu ta' finanzjament tas-sistema ta' għajnuna

95. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mitluba tiddeċiedi fuq il-kwistjoni jekk id-deċiżjoni kkontestata hijiex invalida minħabba l-fatt li l-Kummissjoni, meta għaddiet biex teżamina s-sistema ta' għajnuna, ma kkunsidratx il-metodu ta' finanzjament tagħha li deher li seta' jikser id-dritt Komunitarju. Il-qorti tar-rinviju qed tirreferi għall-fatt li t-taxxa parafiskali fuq ir-reklami mxandra bir-radju u t-televiżjoni, kif kienet is-sitwazzjoni bejn l-1998 u l-2002, kienet tinġabar anki fir-rigward ta' reklami mxandra minn barra lejn Franza, filwaqt li l-benefiċjarji tal-għajnuna mogħtija mill-fond ta' sostenn għaxxandir bir-radju kienu biss stazzjonijiet tarradju li kienu stabbiliti fi Franza.

72 — Ara l-punt 82 ta' dawn il-konklużjonijiet.

73 — Sentenzi tal-21 ta' Mejju 1980, Il-Kummissjoni vs L-Italja (73/79, Ġabra p. 1533, punt 11); tat-3 ta' Mejju 2001, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-204/97, Ġabra p. I-3175, punt 41); Franza vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 64, punt 30), kif ukoll — speċjalment għal dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' trattament ugwali — Nuova Agricast (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 48, punti 50 u 51).

74 — Sentenzi tad-19 ta' Settembru 2002, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-113/00, Ġabra p. I-7601, punt 78), u Spanja vs Il-Kummissjoni (C-114/00, Ġabra p. I-7657, punt 104), kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk; ara wkoll is-sentenzi van Calster *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 48), u Nuova Agricast (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 48, punt 50, moqri flimkien mal-punt 51).

98. Barra minn hekk, għajnuna mill-Istat jew sistema ta' għajnuna ma jistgħux jaffettwaw il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u l-kompetizzjoni b'mod li jikser l-interess komuni [75]. Anki minn dan il-prinċipju wieħed jista' jifhem li l-Kummissjoni ma tistax tawtorizza għajnuna, jew sistemi ta' għajnuna, li fl-għamla tagħhom jiksru d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE jew il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju. Fil-fatt ksur tad-dritt Komunitarju ma jistax ikun kompatibbli ma' "l-interess komuni".

— Fuq l-obbligu, min-naħa tal-Kummissjoni, li teżamina l-metodu ta' finanzjament

99. Il-fatt li sistema ta' għajnuna tikser id-dritt Komunitarju, u għalhekk tmur kontra l-"interess komuni" jista' jirriżulta wkoll mill-metodu li bih hija ffinanzjata [76]. Jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li l-Kummissjoni ma tistax tissepara l-għajnuna proprja mill-mod kif inhi ffinanzjata, u tinjora lil dan tal-aħħar jekk, flimkien ma' tal-ewwel, kollox jispiċċa inkompatibbli mas-suq komuni [77].

100. Għalhekk fadal li jiġi eżaminat issa jekk fl-1997 il-Kummissjoni kellhiex l-obbligu li teżamina, biex tkun tista' tawtorizza s-sistema ta' għajnuna Franċiża, anki l-metodu tal-finanzjament tagħha permezz ta' taxxa parafiskali fuq ir-reklami mxandra bir-radju u t-televiżjoni. Jekk iva, il-metodu ta' finanzjament kien ikun determinanti għall-finijiet tal-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, u l-fatt li l-Kummissjoni tkun injoratu jikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni.

101. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni, meta teżamina sistema ta' għajnuna, għandha l-obbligu li tikkunsidra l-finanzjament tagħha permezz ta' taxxa meta dik it-taxxa, jew parti minnha, ikunu parti integrali mis-sistema ta' għajnuna. Dan jiġi preżunt meta bejn it-taxxa u l-għajnuna inkwistjoni jkun hemm *rabta ta' allokazzjoni vinkolanti,* fis-sens li d-dħul mit-taxxa jiġi allokat għall-finanzjament tal-għajnuna [78].

75 — Hekk jgħid espliċitament l-Artikolu 92(3)(ċ) u (d) tat-Trattat KE, b'differenzi żgħar fil-formulazzjoni taż-żewġ regoli. Fil-frattemp, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li l-interess komuni għandu jittieżed inkonsiderazzjoni wkoll fir-rigward ta' kriterji oħrajn ta' deroga taħt l-Artikolu 92(3) tat-Trattat KE anki għalkemm mhuwiex espressament imsemmi fihom (ara s-sentenza tal-14 ta' Jannar 1997, Spanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 65, punt 17, kif ukoll is-sentenzi Spanja vs Il-Kummissjoni, C-113/00, punti 66 u 67, u Spanja vs Il-Kummissjoni C-114/00, punti 80 u 81, it-tnejn iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 74).

76 — Sentenza tal-25 ta' Ġunju 1970, Franza vs Il-Kummissjoni (47/69, Ġabra p. 487, punti 8 u 23); ara, fl-istess sens, is-sentenzi van Calster *et* (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 48), u tal-14 ta' April 2005, AEM u AEM Torino (Kawżi magħquda C-128/03 e 129/03, Ġabra p. I-2861, punt 45).

77 — Sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 76, punti 4, 8 u 17); van Calster *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 46); tas-27 ta' Novembru 2004, Enirisorse (Kawżi magħquda C-34/01 sa C-38/01, Ġabra p. I-14243, punt 44); tal-15 ta' Lulju 2004, Pearle *et* (C-345/02, Ġabra p. I-7139, punt 29); kif ukoll AEM u AEM Torino (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 76, punt 45).

78 — Sentenzi tat-13 ta' Jannar 2005, Streekgewest (C-174/02, Ġabra p. I-85, punt 26), u Pape (C-175/02, Ġabra p. I-127, punt 15), kif ukoll is-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 2005, Casino France *et* (Kawżi magħquda C-266/04 sa C-270/04, C-276/04 u C-321/04 sa C-325/04, Ġabra p. I-9481, punt 40); AEM u AEM Torino (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 76, punt 46); tal-15 ta' Ġunju 2006, Air Liquide Industries Belgium (Kawżi magħquda C-393/04 u C-41/05, Ġabra p. I-5293, punt 46), u tas-7 ta' Settembru 2006, Laboratoires Boiron (C-526/04, Ġabra p. I-7529, punt 44).

102. B'mod kuntrarju għal din il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni sostniet, waqt is-seduta, li tkun obbligata tipproċedi għall-eżami tal-finanzjament tas-sistema ta' għajnuna permezz ta' taxxa biss meta dawk suġġetti għat-taxxa u l-benefiċjarji tal-għajnuna jkunu f'pożizzjoni ta' kompetizzjoni reċiproka.

103. L-opinjoni tal-Kummissjoni mhijiex konvinċenti. Fil-fatt, l-aċċertament ta' pożizzjoni kompetittiva bħal din tippresupponi analiżi ta' relazzjonijiet ekonomiċi kumplessi li l-eżitu tagħhom mhuwiex evidenti *a priori*. L-eżitu inċert ta' din l-analiżi ċertament la jista' jikkundizzjona l-kompetenza tal-Kummissjoni u l-missjoni tagħha li teżamina bħala awtorità li tikkontrolla l-għajnuna u lanqas il-portata eżatta tal-obbligi ta' notifikazzjoni u ta' standstill min-naħa tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 93(3) tat-Trattat KE [79].

104. Il-fatt li dawk suġġetti għat-taxxa u l-benefiċjarji tal-għajnuna jkunu kompetituri mhuwiex *kundizzjoni minn qabel* biex il-finanzjament jittieħed inkonsiderazzjoni meta tiġi eżaminata sistema ta' għajnuna [80]. L-eżistenza jew le ta' sitwazzjoni kompetittiva jista' jkollha ċerta importanza għall-finijiet tal-*eżitu* tal-eżami, jiġifieri fir-rigward tal-kwistjoni tal-kompatibbiltà bejn is-sistema ta' għajnuna u s-suq komuni [81].

105. Għalhekk, għal li ġej, ser nibbaża ruħi biss fuq il-kriterju tal-ġurisprudenza msemmi diġà tal-ħtieġa ta' rabta ta' allokazzjoni vinkolanti bejn it-taxxa u l-għajnuna li tiġi ffinanzjata biha.

106. F'dan il-każ, l-informazzjoni disponibbli turi li fil-fatt hemm din ir-rabta ta' allokazzjoni vinkolanti.

107. Diġà joħroġ ċar mill-kliem użat fid-dispożizzjonijiet Franċiżi rilevanti li hemm rabta bejn il-ġbir tat-taxxa parafiskali fuq ir-reklami mxandra fuq ir-radju u t-televiżjoni u l-finanzjament tal-għajnuna għas-sostenn tat-trażmissjonijiet bir-radju. B'ħekk it-taxxa tingħabar espressament "biex tiffinanzja" fond

79 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat f'dan is-sens, fis-sentenza Streekgewest (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 78, punt 21), li t-tielet sentenza tal-Artikolu 93(3) tat-Trattat KE tista' tiġi invokata mill-individwu li jkun suġġett għal taxxa li hija parti integrali minn miżura ta' għajnuna u tingħabar bi ksur ta' projbizzjoni ta' eżekuzzjoni prevista mill-istess dispożizzjoni, indipendentement mill-kwistjoni jekk ikunx ġie milqut ħażin bid-distorzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-miżura ta' għajnuna.

80 — Lanqas is-sentenza van Calster *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, speċifikament il-punti 46 sa 52) ma fiha referenza għall-ħtieġa eventwali ta' relazzjoni kompetittiva bħal din.

81 — Ara, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, il-punti 122 sa 125 ta' dawn il-konklużjonijiet.

intiż biex jagħti għajnuna għax-xandir bir-radju (it-tieni punt tal-Artikolu 80 tal-Liġi Nru 86-107, moqri flimkien mal-ewwel punt tal-Artikolu 1 tad-Digriet Nru 97-1263).

108. Il-mod speċifiku kif tiffunzjona s-sistema ta' għajnuna wkoll juri rabta bejn it-taxxa u l-għajnuna.

109. Fl-ewwel lok, it-taxxa parafiskali fuq ir-reklami mxandra bir-radju u t-televiżjoni hija l-unika sors ta' finanzjament sinjifikanti tal-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju [82]. Kull għajnuna mogħtija mill-fond ta' sostenn tiġi b'hekk iffinanzjata neċessarjament mit-taxxa inkwistjoni.

110. Fit-tieni lok, it-taxxa m'għandhiex skop ieħor għajr dak li tiffinanzja l-għajnuna pprovduta mill-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju, li fih jidħol id-dħul kollu nett tagħha (Artikolu 3 tad-Digriet nru 97-1263). Dan il-każ huwa differenti mill-kawżi Pape u Casino France, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq każijiet ta' taxxi parafiskali li kellhom ħafna skopijiet u mhux biss dak li jiffinanzjaw is-sistemi ta' għajnuna inkwistjoni [83].

111. Fit-tielet lok, l-ammont tal-għajnuna mogħtija mill-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju jiddependi għal kollox mid-dħul mit-taxxa [84].

112. Minn naħa, it-tliet tipi ta' għajnuna jingħataw biss abbażi tar-riżorsi disponibbli (Artikolu 7 tad-Digriet Nru 97-1263). Għalhekk, iktar mhuwa żgħir id-dħul mit-taxxa, anqas ikun hemm riżorsi disponibbli fil-fond ta' sostenn għall-għoti tal-għajnuna; pereżempju fil-każijiet ta' għajnuna għall-installazzjoni jew għall-apparat, dan jista' jfisser li kull benefiċjarju jirċievi anqas mill-ammont massimu permess. U anki meta titħejja t-tariffa ta' kull sena dwar l-għajnuna għall-funzjonament jitqies — kif rajna fil-proċedura orali — id-dħul previst mit-taxxa.

113. Min-naħa l-oħra, l-għajnuna għal funzjonament, li hija importanti ħafna fil-prattika, mhi suġġetta għall-ebda ammont massimu, kuntrarjament għal dak li jiġri għall-għajnuna għall-installazzjoni u għall-apparat. L-ammont bażiku jista' jiżdied anki b'60 %,

82 — F'dan il-kuntest, inħalli barra l-hekk imsejjaħ "dħul ieħor" li kultant jitħallas fil-fond ta' sostenn. Dawn huma ħlasijiet arretrati ta' djun ta' taxxa b'referenza għal perijodi mgħoddija ta' kontribuzzjoni kif ukoll ta' radd lura ta' għajnuna miġbura diġà. Kif irriżulta waqt il-proċedura orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ammont ta' dan id-dħul differenti huwa żgħir. Inżid ngħid li l-ħlasijiet arretrati u r-radd lura huma somom li joriġinaw mit-taxxa parafiskali fuq ir-reklami bir-radju u t-televiżjoni.

83 — Sentenzi Pape (punt 16) u Casino France *et* (punti 55 u 56), iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 78.

84 — Anki minn dan l-aspett il-każ preżenti huwa differenti mill-kawżi Pape u Casino France *et*, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 78.

għalkemm dik iż-żieda tista' tkun akbar iktar ma jkunu kbar is-somom disponibbli fil-fond ta' sostenn, jiġifieri iktar ma jkun kbir id-dħul mit-taxxa parafiskali f'perijodu partikolari.

114. Fir-raba' lok, anki l-fatt li l-għajnuna tingħata minn kumitat konsultattiv li jkollu f'każijiet speċifiċi ċertu poter diskrezzjonali huwa kompatibbli mal-eżistenza ta' din ir-rabta ta' allokazzjoni. Dan il-poter diskrezzjonali xejn ma jimpedixxi li l-ammont nett kollu tat-taxxa parafiskali jidħol fil-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju. L-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni bl-ebda mod ma jista' jkollu bħala konsegwenza li parti mill-ammont tat-taxxa parafiskali tiġi allokata għal għanijiet oħrajn, li ma jkunux dawk li għandhom x'jaqsmu mat-tliet tipi ta' għajnuna għas-sostenn tax-xandir bir-radju. Minn dan l-aspett, il-fatti tal-kawża preżenti huma differenti b'mod fondamentali meta mqabbla mal-kawżi Pape u Casino France fejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti setgħu jiddeterminaw b'diskrezzjoni sħiħa jekk u safejn id-dħul minn taxxa parafiskali kellu jiġi allokat għall-finanzjament ta' sistema ta' għajnuna, jew għal għanijiet differenti [85].

115. Għalhekk, kumplessivament jeżistu f'dan il-każ biżżejjed elementi li jikkonfermaw il-preżenza ta' rabta ta' allokazzjoni vinkolanti li turi kif it-taxxa parafiskali fuq ir-reklami bir-radju u t-televiżjoni hija parti integrali mis-sistema Franċiża ta' għajnuna għas-sostenn tax-xandir bir-radju.

85 — Sentenzi Pape (punt 16) u Casino France (punti 55 u 56), iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 78.

— Fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni minnaħa tal-Kummissjoni

116. Billi hemm din ir-rabta ta' allokazzjoni vinkolanti bejn it-taxxa parafiskali fuq ir-reklami bir-radju u t-televiżjoni u l-għajnuna li tiġi pprovduta minnha, il-Kummissjoni, meta awtorizzat is-sistema ta' għajnuna għall-perjodu bejn l-1998 u l-2002, kien imissha eżaminat fl-1997 anki l-metodu ta' finanzjament tagħha billi tivverifika jekk dak il-metodu ta' finanzjament tas-sistema ta' għajnuna kienx inkompatibbli mas-suq komuni.

117. Dan l-eżami kellu jsir l-iktar fid-dawl tad-dispożizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi, li hija waħda mill-prinċipji fundamentali tal-Komunità [86] (Artikoli 59 u 60 tat-Trattat KE, li saru, wara emenda, l-Artikoli 49 u 50 KE) [87]. Impriżi tar-radju li

86 — Sentenzi tal-4 ta' Diċembru 1986, Il-Kummissjoni vs Franza (220/83, Ġabra p. 3663, punt 17); tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-490/04, Ġabra p. I-6095, punt 64), u tat-18 ta' Diċembru 2007, Laval u Partneri (C-341/05, Ġabra I-11767, punt 101).

87 — Il-projbizzjoni speċifika ta' diskriminazzjoni fil-qasam fiskali, taħt l-Artikolu 95 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 90 KE) ma tirreferix għall-għoti ta' servizzi imma għandha pjuttost funzjoni ta' integrazzjoni tar-regoli fuq il-moviment liberu tal-merkanzija u fuq l-unjoni doganali (ara, pereżempju, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 1969, Il-Kummissjoni vs L-Italja (24/68, Ġabra p. 193, punti 4 u 5). Fir-rigward ta' regoli rilevanti iktar speċifiċi bħal dawk dwar il-libertà li jingħataw is-servizzi, lanqas tapplika l-projbizzjoni ġenerali ta' diskriminazzjoni taħt l-ewwel punt tal-Artikolu 6 tat-Trattat KE (li sar l-ewwel punt tal-Artikolu 12 KE) (ara, pereżempju, is-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 1999, Vestergaard (C-55/98, Ġabra p. I-7641, punti 16 u 17), tal-11 ta' Diċembru 2003, AMOK (C-289/02, Ġabra p. I-5059, punti 25 u 26).

jittrażmettu programmi — inklużi r-reklami — lil hinn mill-konfini tal-Istati individwali tal-Komunità huma suġġetti għar-regoli tat-Trattat fuq il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi [88].

118. Fil-kuntest tal-analiżi tagħha, il-Kummissjoni kellha l-ewwel nett tiddeċiedi fuq il-fatt li t-taxxa parafiskali, kif kienet fil-perijodu bejn l-1998 u l-2000, ma kinitx tolqot biss ir-reklami bir-radju u t-televiżjoni trażmessi *mit-territorju Franċiż* imma kienet tolqot kull tip ta' reklami bir-radju u t-televiżjoni *intiżi għal Franza*, u għalhekk ir-reklami trażmessi lejn Franza minn barra (l-ewwel punt tal-Artikolu 2 tad-Digriet Nru 97-1263). B'dan il-mod, anki impriżi barranin kkontribwew għall-finanzjament tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni.

119. Ikkunsidrata b'mod iżolat, din l-għamla ta' taxxa ma tidhirx li tmur kontra l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi. Il-mod kif tinġabar mhuwiex fih innifsu, diskriminatorju billi jolqot mingħajr distinzjoni reklami bir-radju u t-televiżjoni trażmessi fi Franza minn stazzjonijiet nazzjonali u lejn Franza minn impriżi barranin; l-ammont tagħha kellu jkun tant żgħir li ma kienx jostakola l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi [89].

120. Jeħtieġ li jiġi mfakkar ukoll — kif intqal diġà — li hemm rabta ta' allokazzjoni vinkolanti bejn it-taxxa parafiskali u l-għajnuna ffinanzjata biha. Issa jekk nikkunsidraw flimkien dawn iż-żewġ partijiet integrali tas-sistema ta' għajnuna, ir-riżultat huwa dan li ġej: filwaqt li kemm ix-xandara bir-radju jew bit-televiżjoni nazzjonali kif ukoll dawk barranin (jiġifieri l-entitajiet li jikkummerċjalizzaw l-ispazji pubbliċitarji tagħhom) għandhom ikunu suġġetti għat-taxxa bl-istess mod, l-istazzjonijiet tar-radju stabbiliti fi Franza biss igawdu minn għajnuna mill-fond ta' sostenn, li biex jiksbuha jeħtieġ li jiġi sodisfatt ir-rekwiżit li jkollhom liċenzja għal servizzi ta' xandir f'livell nazzjonali.

121. Din is-sistema, li biha taxxa parafiskali tolqot ukoll is-servizzi ta' impriżi barranin, għalkemm jibbenefikaw minnha biss impriżi nazzjonali, tista' toħloq problema fid-dawl tad-dispożizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu

88 — F'dan is-sens, hemm ġurisprudenza stabbilita fuq trażmissjonijiet televiżivi; ara, pereżempju, is-sentenzi tat-30 ta' April 1974, Sacchi (155/73, Ġabra p. 409, punt 6); tat-18 ta' Marzu 1980, Debauve *et* (52/79, Ġabra p. 833, punt 8); tal-5 ta' Ottubru 1994, TV10 (C-23/93, Ġabra p. I-4795, punt 13); tad-29 ta' Novembru 2001, De Coster (C-17/00, Ġabra p. I-9445, punt 28), u tat-13 ta' Diċembru 2007, United Pan-Europe Communications Belgium *et* (C-250/06, Ġabra p. I-11135, punt 28). Fil-qasam tar-radju ara, pereżempju, is-sentenzi tas-26 ta' April 1988, Bond van Adverteerders *et* (352/85, Ġabra p. 2085, punti 14), u tal-25 ta' Lulju 1991, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-353/89, Ġabra p. I-4069, punti 22 u 23).

89 — F'dan is-sens, ara s-sentenza tas-17 ta' Frar 2005, Viacom Outdoor (C-134/03, Ġabra p. I-1167, punti 37 u 38).

pprovduti s-servizzi. Fil-fatt tista' tipproduċi effetti protezzjonisitiċi: iktar ma jogħla l-fatturat ta' impriżi barranin li jittrażmettu reklami fi Franza, iktar jikbru r-riżorsi disponibbli fil-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju, b'hekk tkun tista' tingħata għajnuna akbar lill-istazzjonijiet tar-radju nazzjonali [90]. B'mod iktar sempliċi, jista' jingħad li iktar ma jkun kbir is-suċċess ta' impriżi barranin li jagħtu servizzi fis-suq nazzjonali, iktar ma jikber is-sostenn ta' wħud mill-impriżi lokali li joperaw f'dak is-suq [91].

122. Sabiex wieħed jassumi li hemm diskriminazzjoni jew effett protezzjonistiku jimplika li s-servizzi inkwistjoni jkunu paragunabbli. Fi kliem ieħor, l-impriżi tax-xandir bir-radju jew bit-televiżjoni li l-messaġġi pubbliċitarji tagħhom trażmessi fi Franza huma suġġetti għat-taxxa, u l-impriżi li għandhom dritt li jiksbu l-għajnuna mill-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju, għandhom jikkompetu bejniethom [92]. Jekk, imbagħad, impriża tar-radju jew tat-televiżjoni tkun ittrasferiet il-kummerċjalizzazzjoni talħin pubbliċitarju tagħha lil oħra, li tkun tappartjeni lill-istess grupp — kif inhu l-każ hawnhekk fi ħdan il-grupp NRJ — jista' jkun indispensabbli li dan il-grupp ta' impriżi jiġi kkunsidrat bħala ħaġa waħda, biex b'hekk tiġi eżaminata s-sitwazzjoni kompetittiva li teżisti fir-rigward ta' impriżi tar-radju jew tat-televiżjoni oħrajn jew gruppi ta' impriżi mill-aspett tas-sehem mill-udjenza u tad-dħul mir-reklami.

123. Fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Franċiż ikkontesta l-eżistenza ta' din ir-relazzjoni ta' kompetizzjoni. Skont l-indikazzjonijiet li huwa pprovda, il-biċċa l-kbira tad-dħul mit-taxxa parafiskali jiġi mir-reklami tat-televiżjoni, filwaqt li l-għajnuna mogħtija permezz tal-fond ta' sostenn tivvantaġġa mhux l-istazzjonijiet tat-televiżjoni imma pjuttost tar-radju b'udjenza lokali, li jkunu żgħar u impenjati soċjalment, ir-*radios associatives* ("stazzjonijiet taċ-ċittadini"). Fil-verità, il-Gvern Franċiż jammetti li hu x'inhu l-każ, parti mid-dħul mit-taxxa parafiskali tiġi mir-reklami bir-radju; madankollu fil-fehma tiegħu t-taxxa tirrigwarda prinċipalment stazzjonijiet tar-radju ta' natura kummerċjali, li huma differenti bil-bosta mir-*radios associatives* li jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna biex ikunu jistgħu joperaw f'sistema vera ta' kompetizzjoni reċiproka.

90 — F'dan is-sens, b'referenza għal taxxa parafiskali Franċiża fuq prodotti tat-tessuti, ara s-sentenza Franza vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 76, punti 20 u 21).

91 — Barra minn hekk il-każ jista' jiġi eżaminat mill-aspett tal-libertà tal-istabbiliment, jiġifieri fir-rigward ta' diskriminazzjoni eventwali ta' impriżi barranin fil-konfront ta' dawk nazzjonali għal dak li jirrigwarda d-dritt għall-benefiċċju talgħajnuna. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà esprimiet ruħha fuq problema simili fis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2007, Geurts u Vogten (C-464/05, Ġabra p. I-9325, punti 18 sa 22); ara wkoll, fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2005, Laboratoires Fournier (C-39/04, Ġabra p. I-2057, punti 15 u 16).

92 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Franza vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 76, punt 20), fejn issir referenza għal "dħul minn taxxa fuq prodotti importati in kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

124. Għall-kuntrarju tal-Gvern Franċiż, Régie Networks sostniet minflok, fil-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni fost l-impriżi li huma suġġetti għat-taxxa u dawk li jibbenefikaw mill-għajnuna. Anki jekk dawn tal-aħħar ma jittrażmettux reklami permezz tar-radju, jew jittrażmettu ftit, huma dejjem jiksbu sehem mis-semmiegħa, u b'hekk inaqqsu s-sehem tal-udjenza tar-radjijiet kummerċjali u, konsegwentement, anki d-dħul potenzjali mir-reklami bir-radju fuq is-suq lokali.

125. Fl-aħħar nett, mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tassumi, f'din il-kawża, pożizzjoni definittiva dwar il-problemi mhux solvuti li jqumu fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi u tar-relazzjoni ta' kompetizzjoni fost id-diversi impriżi tar-radju u tat-televiżjoni. Iżda hija esklużivament il-Kummissjoni li, bla ħsara għall-istħarriġ tal-qrati Komunitarji, għandha tivvaluta l-kompatibbiltà mas-suq komuni ta' miżura ta' għajnuna statali [93].

126. Għall-finijiet ta' din il-kawża biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni, meta awtorizzat is-sistema ta' għajnuna Franċiża għall-perijodu bejn l-1998 u l-2002, ma kkunsidratx il-metodu ta' finanzjament tagħha, u b'hekk ma ratx liema setgħu kienu l-effetti ta' dawn il-metodi ta' finanzjament fuq il-kompatibbiltà tas-sistema mas-suq komuni. Għalhekk, billi l-Kummissjoni ttraskurat aspett essenzjali inerenti fil-valutazzjoni tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni, id-deċiżjoni kkontestata hija vviżjata minn żball manifest ta' evalwazzjoni u għal dak il-motiv għandha tiġi ddikjarata invalida.

3. Konklużjoni proviżorja

127. Kif rajna, id-deċiżjoni kkontestata hija illegali minn diversi aspetti, kull waħda minnhom hija minnha nnifisha biżżejjed biex tiġġustifika l-invalidità tagħha.

C — *Fuq il-limitazzjoni ratione temporis tal-effetti tal-invalidità tad-deċiżjoni*

128. Il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni qed jitolbu li jiġu limitati *ratione temporis* l-effetti tas-sentenza jekk din — kif ipproponejt — tiddikjara li d-deċiżjoni kkontestata hija invalida. F'dan ir-rigward huma jappellaw għall-prinċipji ta' ċertezza legali u tal-ħarsien tal-

93 — Sentenza van Calster *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 45); ara wkoll, sentenzi tal-21 ta' Novembru 1991, Fédération nationale du commerce extérieur, "FNCE" (C-354/90, Ġabra p. I-5505, punto 14); tal-11 ta' Lulju 1996, SFEI *et* (C-39/94, Ġabra p. I-3547, punt 42); u tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini (C-119/05, Ġabra p. I-6199, punt 52); ara, fl-istess sens, is-sentenzi diġà ċċitati Iannelli & Volpi (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 64, punt 11) u Steinike & Weinling (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 64, punt 9).

aspettattivi leġittimi, u jinnotaw b'mod partikolari li din hija sistema ta' għajnuna nnotifikata lill-Kummissjoni, awtorizzata minnha u applikata f'bosta każijiet u għal diversi snin

1. Osservazzjonijiet preliminari

129. It-Trattat KE ma jiddefinixxix espressament il-konsegwenzi li jirriżultaw minn dikjarazzjoni ta' invaliditá ta' att Komunitarju magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċeduri għal deċiżjoni preliminari. Iżda billi r-rinviju għal-deċiżjoni preliminari dwar il-validità u r-rikors għal annullament huma żewġ metodi kumplimentari, stabbiliti mit-Trattat KE, li permezz tagħhom isir stħarriġ tal-legalità tal-atti ta' l-organi Komunitarji [94], skont ġurisprudenza stabbilita l-konsegwenzi li jirriżultaw minn dikjarazzjoni ta' invaliditá jiġu stabbiliti b'analoġija abbażi tad-dispożizzjonijiet li jinsbau fl-Artikoli 231 KE u 233 KE u li huma applikabbli għas-sentenzi ta' annullament [95].

130. Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddikjara l-invaliditá ta' att Komunitarju fil-kuntest ta' proċeduri għal deċiżjoni preliminari tipproduċi għalhekk, b'mod ġenerali, effetti retroattivi bl-istess mod bħal sentenza ta' annullament [96]. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistabbilixxi l-invaliditá hija wkoll għal kwalunkwe qorti oħra motiv biżżejjed biex dak l-att jiġi kkunsidrat invalidu għall-finijiet tas-sentenza li jkollha tagħti [97].

131. Barra minn hekk, abbażi tal-prinċipju taħt it-tieni punt tal-Artikolu 231 KE [98], il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tordna ż-żamma ta' wħud mill-effetti tal-att inkwistjoni jekk tqis li dan huwa meħtieġ, billi tgawdi minn poter diskrezzjonali fuq din il-kwistjoni [99]. Fil-passat, il-Qorti tal-Ġustizzja użat din il-prerogattiva kull darba li kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' ċertezza legali li kellhom x'jaqsmu mal-kumpless tal-interessi inkwistjoni kienu jkunu ta' ostakolu biex jitpoġġew fid-dubju l-ġbir jew il-ħlas ta' somom ta' flus għall-perijodu li jiġi qabel id-data tas-sentenza [100]. Dawn il-prinċipji jistgħu jiġu invokati b'mod utli wkoll f'dan il-każ.

94 — Sentenzi tat-8 ta' Frar 1996, FMC *et* (C-212/94, Ġabra p. I-389, punt 56); kif ukoll Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40, punt 40).

95 — Sentenzi tal-15 ta' Ottubru 1980, Providence Agricole de la Champagne (4/79, Ġabra p. 2823, punti 44 u 45); Maïseries de Beauce (109/79, Ġabra p. 2883, punti 44 u 45), u Roquette Frères (145/79, Ġabra p. 2917, punti 51 u 52), kif ukoll tad-29 ta' Ġunju 1988, van Landschoot (300/86, Ġabra p. 3443, punt 24), u tat-8 ta' Novembru 2001, Silos (C-228/99, Ġabra p. I-8401, punt 35).

96 — Sentenzi tas-26 ta' April 1994, Roquette Frères (C-228/92, Ġabra p. I-1445, punt 17), u FMC *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 94, punt 55); dwar ir-retroattività tas-sentenzi li janullaw att ara, l-iktar reċentement, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2008, Centre d'exportation du livre français, "CELF" (C-199/06, Ġabra p. I-469, punti 61 u 63).

97 — Sentenza tat-13 ta' Mejju 1981, International Chemical Corporation (66/80, Ġabra p. 1191, punt 13), kif ukoll id-digriet tat-8 ta' Novembru 2007, Fratelli Martini u Cargill (C-421/06, punt 54).

98 — It-tieni punt tal-Artikolu 231 KE jirrigwarda, skont il-kliem tiegħu, ir-regolamenti biss, imma l-Qorti tal-Ġustizzja tapplikah anki għal atti legali oħrajn: dwar l-applikazzjoni analoġika ta' din id-dispożizzjoni għad-deċiżjonijiet, ara s-sentenzi tat-28 ta' Mejju 1998, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-22/96, Ġabra p. I-3231, punt 42), u tat-12 ta' Mejju 1998, Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni (C-106/96, Ġabra p. I-2729, punt 41).

99 — Sentenzi tas-27 ta' Frar 1985, Société des produits de mais (112/83, Ġabra p. 719, punt 18), u tal-15 ta' Jannar 1986, Pinna (41/84, Ġabra p. 1, punt 26).

100 — Sentenzi Pinna (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 99, punti 26 sa 28), Silos (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 95, punt 36), u tal-10 ta' Marzu 1992, Lomas *et* (C-38/90, Ġabra p. I-1781, punt 24).

2. L-ebda żamma *sine die* tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata

132. Barra minn hekk jeħtieġ jiġi kkunsidrat li hija esklużivament il-Kummissjoni li għandha tevalwa, għalkemm taħt il-kontroll ta' qorti Komunitarja, il-kompatibbiltà mas-suq komuni ta' miżura ta' għajnuna statali jew ta' sistema ta' għajnuna [101]. Għalhekk, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-każ kellha tikkonkludi fis-sens li d-deċiżjoni hija invalida, imbagħad ikun ix-xogħol tal-Kummissjoni, bl-applikazzjoni b'mod analoġiku tal-ewwel punt tal-Artikolu 233 KE, li tiddeċiedi mill-ġdid dwar il-kompatibbiltà tas-sistema Franċiża ta' għajnuna mas-suq komuni [102]. Bl-ebda mod m'għanda s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi fil-mertu deċiżjoni għal dik tal-Kummissjoni, għaliex altrimenti jiġu ffrustrati kemm ir-rwol ta' awtorità ta' kontroll fuq l-għajnuna eżerċitata minn din tal-aħħar kif ukoll il-poter diskrezzjonali [103] li hija tgawdi fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-għajnuna, bis-saħħa tal-Artikolu 92(3) tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 87(3) KE) [104].

133. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tħalli mingħajr tibdil l-effetti tad-deċiżjoni kkontestata *sine die*, imma għal perijodu tranżitorju, jiġifieri sakemm il-Kummissjoni tkun iddeċidiet mill-ġdid fuq il-kompatibbiltà bejn is-suq komuni u s-sistema ta' għajnuna Franċiża, u din id-deċiżjoni ġdida tkun saret definittiva billi ma tkunx tista' tiġi kkontestata permezz ta' rikors għal annullament skont l-Artikolu 230 tat-Trattat KE.

3. Fuq iż-żamma provviżorja tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata

134. Madankollu, matul dan il-perijodu tranżitorju, sal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-Kummissjoni li jkollha natura definittiva, eżiġenzi importanti ħafna għaċ-ċertezza legali, u b'mod partikolari l-ħarsien tal-aspettattivi leġittimi, jimponu li tiġi ordnata ż-żamma tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata.

135. Dan il-każ jirrigwarda sistema ta' għajnuna li ġiet innotifikata debitament u awtorizzata mill-Kummissjoni. Abbażi ta' din l-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet Franċiżi kkunsidraw bħala leġittimi kemm it-taxxa parafiskali fuq ir-reklami mxandra bir-radju u t-televiżjoni miġbura bejn l-1998 u l-2002 kif ukoll l-għajnuna mogħtija fl-istess perijodu mill-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju; bl-istess mod, anki l-benefiċjarji ta' din l-għajnuna qiesu li din kienet legali.

101 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 125 ta' dawn il-konklużjonijiet, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93.

102 — Il-fatt li ma jistgħux jiġu ddeterminati b'ċertezza, abbażi tal-elementi li għandha f'idejha l-Qorti tal-Ġustizzja, ir-riperkussjonijiet tal-metodu ta' finanzjament tas-sistema ta' għajnuna Franċiża fuq il-kompatibbiltà mas-suq komuni jagħmlu neċessarja f'dan il-każ li jkun hemm eżami ġdid ta' din is-sistema min-naħa tal-Kummissjoni; b'mod partikolari, hemm bżonn jiġi ċċarat jekk u safejn hemm kompetizzjoni bejn il-persuni suġġetti għat-taxxa u l-benefiċjarji tal-għajnuna (f'dan ir-rigward ara l-punti 122 sa 124 ta' dawn il-konklużjonijiet).

103 — Ara f'dan ir-rigward il-punt 82 ta' dawn il-konklużjonijiet.

104 — Il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tistabbilixxi l-effetti *ratione temporis* tas-sentenzi tagħha, tqis anki l-prerogattivi tal-Kummissjoni stess fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 95, Providence agricole de la Champagne (punti 43 u 45, l-aħħar sentenza), Maïseries de Beauce (punti 43 u 45, l-aħħar sentenza), u Roquette Frères (punt 52, l-aħħar sentenza).

136. Huwa veru li dawn l-aspettattivi mhux dejjem għandhom jitħarsu. Il-Qorti tal-Ġustizzja pereżempju ddikjarat li deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra sistema ta' għajnuna mill-Istat, jekk tiġi kkontestata fit-terminu tar-rikors ta' kontestazzjoni quddiem il-qorti Komunitarja, ma setgħetx toħloq aspettattiva leġittima fil-konfront tal-impriża benefiċjarja [105].

137. Minkejja dan, f'dan il-każ ma sar kontra d-deċiżjoni kkontestata l-ebda rikors għal annullament quddiem il-qorti Komunitarja skont l-Artikolu 173 tat-Trattat KE. Hija b'hekk ħadet karattru definittiv fil-konfront ta' dawk kollha li setgħu jikkontestawha, u b'hekk l-aspettattiva leġittima dwar id-definittività tagħha għandha titħares.

138. Il-persuni kkonċernati ma setgħux jipprevedu li, snin wara, id-deċiżjoni kkontestata kienet ser tiġi ddikjarata invalida mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċedimenti għal deċiżjoni preliminari, u dan iktar u iktar peress li dawn huwa proċedimenti li jistgħu jintużaw minn eluf ta' qrati nazzjonali li mhuma marbuta bl-ebda terminu li l-benefiċjarji tal-għajnuna jistgħu jew għandhom jistennew l-iskadenza tiegħu.

139. Barra minn hekk, hemm bżonn li jitqies il-fatt li, wara l-awtorizzazzjoni tas-sistema ta' għajnuna, inġabru taxxi u ngħataw sussidji f'bosta każijiet u għal diversi snin. Kif ġustament sostna l-Gvern Franċiż, l-għajnuna meħuda mill-fond ta' sostenn għax-xandir bir-radju hija parti integrali tad-dħul ta' ħafna stazzjonijiet tar-radju żgħar li jxandru lokalment. Ir-radd lura eventwali tal-għajnuna jista' jippreġudika l-eżistenza tagħhom u magħha, fis-sustanza, il-pluraliżmu tas-sitwazzjoni sħiħa tal-medja lokali fi Franza [106].

140. F'dan il-kuntest, ma jidhirlix li huwa xieraq li l-benefiċjarji tal-għajnuna, b'mod prematur, jiġu esposti għal talbiet eventwali ta' rimborż jew ta' ħlas ta' imgħaxijiet. Imma dan huwa dak li jista' jiġri jekk f'dan il-każ il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara l-invalidità tad-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tipprovdi fl-istess ħin għaż-żamma proviżorja tal-effetti tagħha. F'każ bħal dan, fil-fatt, l-awtoritajiet nazzjonali kollha jkollhom jiġbdu l-konklużjonijiet kollha neċessarji mill-invalidità tad-deċiżjoni kkontestata [107]. Dak li ngħad ġie kkonfermat mis-sentenza riċenti CELF, li

105 — Sentenza tal-14 ta' Jannar 1997, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-169/95, Ġabra p. I-135, punt 53); ikkonfermata reċentement mis-sentenza CELF (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punti 66 u 67).

106 — Fuq l-importanza tal-preservazzjoni tal-pluraliżmu fil-medja in ġenerali, ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 1997, Familiapress (C-368/95, Ġabra p. I-3689, punt 18); dwar l-importanza tal-pluraliżmu fir-radju, ara s-sentenzi tal-25 ta' Lulju 1991, Collectieve Antennevoorziening Gouda (C-288/89, Ġabra p. I-4007, punt 23), u tat-13 ta' Diċembru 2007, United Pan-Europe Communications Belgium *et* (C-250/06, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 88, punt 41).

107 — Sentenzi tat-30 ta' Ottubru 1975, Rey Soda (23/75, Ġabra p. 1279, punt 51); tat-2 ta' Marzu 1989, Pinna (359/87, Ġabra p. 585, punt 13); tas-27 ta' Settembru 2007, Ikea Wholesale (C-351/04, Ġabra p. I-7723, punt 67), u d-digriet Fratelli Martini u Cargill (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punt 53).

fiha ġie ddikjarat li l-għoti ta' għajnuna għandu jiġi kkunsidrat retroattivament illegali millmument meta d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni relattiva tiġi annullata wara kawża ta' annullament [108].

141. Fil-verità għandi dubji fuq il-fatt jekk tistax tiġi applikata integralment għall-fatti partikolari ta' dan il-każ is-soluzzjoni adottata fis-sentenza CELF. B'mod partikolari għandu jiġi osservat li l-għajnuna inkwistjoni fis-sentenza CELF ma ġietx innotifikata lill-Kummissjoni, filwaqt li s-sistema ta' għajnuna inkwistjoni f'dan il-każ ġiet innotifikata skont l-Artikolu 93(3) tat-Trattat KE u ġiet implementata biss wara li ġiet awtorizzata.

142. Madankollu, mhuwiex possibbli bħalissa li jiġi eskluż *a priori* li xi awtoritajiet nazzjonali jieħdu l-atteġġament fis-sens indikat fil-ġurisprudenza CELF f'każ bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża. B'mod partikolari, minħabba rikorsi ta' impriżi kompetituri, il-qrati nazzjonali jistgħu jqisu ruħhom marbutin, taħt id-dritt nazzjonali, li jordnaw l-irkupru ta' għajnuna mogħtija diġà bl-imgħax relattiv miżjud, jew li jilqgħu talbiet għall-ħlas ta' danni, anki qabel ma jkun hemm deċiżjoni ġdida tal-Kummissjoni [109]; bl-istess mod il-qrati nazzjonali jistgħu jordnaw ir-rimborż immedjatament tat-taxxi miġbura fuq ir-reklami mxandra bir-radju u t-televiżjoni u b'hekk jiġi kompromess il-bilanċ finanzjarju tal-fond ta' sostenn. Fl-aħħar mill-aħħar dawn l-effetti jistgħu jiġu eskużi kollha billi tiġi stabbilita ż-żamma proviżorja tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata.

143. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja żżomm bħala validi l-effetti prodotti mid-deċiżjoni kkontestata sakemm il-Kummissjoni tkun iddeċidiet mill-ġdid fuq il-kompatibbiltà tas-sistema ta' għajnuna Franċiża mas-suq komuni, u din id-deċiżjoni ma tkunx saret definittiva, jiġifieri mhux kontestabbli b'rikors għal annullament skont l-Artikolu 230 tat-Trattat KE.

4. Fuq il-konsegwenzi tal-konservazzjoni provviżorja tad-deċiżjoni kkontestata

144. Fil-każ ta' żamma tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata fis-sens li indikajt, ikun hemm il-konsegwenzi li ġejjin għall-benefiċjarji tal-għajnuna u dawk suġġetti għat-taxxa.

108 — Sentenza CELF (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, b'mod partikolari l-punt 63).

109 — Sentenza CELF (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, b'mod partikolari l-punti 52 u 53).

a) Is-sitwazzjoni legali fil-perijodu tranżitorju

145. Matul il-perijodu tranżitorju, u sakemm tingħata deċiżjoni definittiva ġdida tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tas-sistema ta' għajnuna Franċiża mas-suq komuni, il-benefiċjarji tal-għajnuna m'għandhomx iħallsu lura l-għajnuna li rċevew matul is-snin bejn l-1998 u l-2002, u lanqas l-amministrazzjoni Franċiża tat-taxxi ma tista' tiġi obbligata tħallas lura b'mod definittiv lil dawk li ħallsu t-taxxa — bħal Régie Networks — is-somom mħallsa bħala taxxa parafiskali fl-istess perijodu [110]. Fil-fatt, l-awtorizzazzjoni tas-sistema ta' għajnuna, li hija s-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni, tibqa' tipproduċi l-effetti tagħha b'mod proviżorju.

146. Min-naħa l-oħra, din is-sopravivenza tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata lanqas m'għandha taffettwa b'mod sfavorevoli l-protezzjoni legali li għandu jingħata lil min huwa suġġett għat-taxxa bħal Régie Networks, li, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt nazzjonali, ifittex rimedji interni sabiex jirkupra s-somom imħallsa diġà [111].

147. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiggarantixxu din il-protezzjoni legali effettiva bl-istrumenti li hemm għad-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali [112]. Il-qorti nazzjonali tista', pereżempju, sakemm tingħata deċiżjoni tal-Kummissjoni, taħseb għar-*restituzzjoni proviżorja* tat-taxxi mħallsin, jew għar-rimbors *sub condicione futura*, marbut mal-fatt li l-Kummissjoni, meta tagħti deċiżjoni definittiva ġdida, tiddikjara s-sistema ta' għajnuna Franċiża inkompatibbli mas-suq komuni. Jista' jiġri wkoll li l-qorti nazzjonali *tissospendi l-ġudizzju fil-kawża prinċipali* sakemm tingħata, u ssir imbagħad definittiva, id-deċiżjoni l-ġdida tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kompatibbiltà tas-sistema ta' għajnuna mas-suq komuni.

b) Is-sitwazzjoni legali li tinħoloq fil-każ ta' deċiżjoni ġdida ta' awtorizzazzjoni

148. Jekk il-Kummissjoni kellha tikkonkludi, b'deċiżjoni definittiva, fis-sens li s-sistema ta' għajnuna Franċiża hija kompatibbli mas-suq komuni, isegwi li hemm l-impossibbiltà li tiġi rkuprata l-għajnuna mogħtija bejn l-1998 u l-

110 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 95, Providence agricole de la Champagne (punti 45, l-aħħar sentenza, u 46), Maïseries de Beauce (punti 45, l-aħħar sentenza, u 46), u Roquette Frères (punti 52, l-aħħar sentenza, u 53).

111 — Ara, fl-istess sens, is-sentenzi Roquette Frères (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 27), u FMC *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 94, punt 58); ara wkoll is-sentenzi Pinna (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 99, punt 30), u Lomas *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 99, punt 24).

112 — Fir-rigward tal-obbligu tal-qorti nazzjonali li tinterpreta u tapplika d-dritt proċedurali nazzjonali f'sens li jiggarantixxi l-ħarsien ġudizzjarju, ara s-sentenzi iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40, Unibet (punt 44) u Impact (punt 54). Dwar id-dritt tal-individwi għal rimedju legali effettiv li jippermetti li jinkiseb il-ħlas lura tat-taxxa miġbura bi ksur tad-dritt Komunitarju, ara s-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 204), u tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 128, l-ewwel inċiż).

2002, kif ukoll li titħallas lura t-taxxa miġbura fl-istess perijodu.

149. Għal raġunijiet ta' kompletezza, inżid li f'dan l-aħħar każ il-benefiċjarji tal-għajnuna lanqas ma jistgħu jintalbu l-imgħaxijiet fuq il-vantaġġ li kisbu u wisq anqas ma jistgħu jiġu kkumpensati terzi.

150. Fis-sentenza CELF [113] il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni m'għandhiex bħala konsegwenza li tissana, *a posteriori*, l-atti ta' eżekuzzjoni li kienu invalidi minħabba li ġew adottati bi ksur tal-projbizzjoni tal-eżekuzzjoni. Iżda din il-pożizzjoni ġiet stabbilita apposta għall-każijiet — bħal dak tas-sentenza CELF — fejn l-għajnuna mill-Istat ma kinitx ġiet innotifikata lill-Kummissjoni skont il-proċedura, u fi kwalunkwe każ kienet ġiet implementata qabel ma ġiet awtorizzata. Hija tirrifletti b'mod ċar il-preokkupazzjoni li l-Istati Membri ma jiġux inkoraġġuti jinjoraw l-obbligu tan-notifika u ta' standstill kkontemplati fl-Artikolu 93(3) tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 88(3) KE) u li tiġi ggarantita l-effikaċja prattika ta' dawn iż-żewġ pilastri tas-sistema ta' kontroll minn qabel tal-proġetti ta' għoti tal-għajnuna [114].

113 — Sentenza iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96 (punt 40, l-ewwel sentenza); ara wkoll is-sentenza FNCE (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93, punt 16), u van Calster *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 63), kif ukoll is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich (C-368/04, Ġabra p. I-9957, punt 41).

114 — Sentenza CELF (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 40, it-tieni sentenza, moqrija flimkien mal-punti 36 u 37); ara wkoll is-sentenzi FNCE (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93, punt 16), van Calster *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 63), u Transalpine Ölleitung in Österreich *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 113, punti 41 u 42).

151. Għalhekk il-ġurisprudenza CELF ma tistax tiġi applikata fir-rigward tal-fatti partikolari ta' dan il-każ, fejn is-sistema ta' għajnuna ġiet debitament innotifikata lill-Kummissjoni u ġiet implementata biss wara li ġiet awtorizzata. Ħawnhekk mhuwiex il-każ li jiġi pprevenut il-ksur tal-obbligu ta' notifika u dak ta' standstill, u lanqas li jiġi ssanzjonat ksur wara li jseħħ. Fil-fatt qed jiġi ggarantit ir-rispett meħtieġ lejn il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-ħarsien tal-aspettattivi leġittimi. Għal dan l-iskop bilfors li d-dikjarazzjoni ġdida ta' kompatibbiltà tas-sistema ta' għajnuna mas-suq komuni taġixxi retroattivament sal-mument meta bdiet tiġi implementata din is-sistema.

c) Is-sitwazzjoni legali li jkun hemm fil-każ ta' deċiżjoni ta' ċaħda

152. Jekk il-Kummissjoni kellha tikkonkludi, meta terġa' teżamina s-sistema ta' għajnuna, fis-sens li hija inkompatibbli mas-suq komuni, tirriżulta l-illegalità definittiva kemm tal-għajnuna mogħtija bejn l-1998 u l-2002 kif ukoll tat-taxxa miġbura fl-istess perijodu.

153. Meta tadotta deċiżjoni negattiva bħal din, il-Kummissjoni għandha tevalwa, fid-dawl tal-prinċipju tal-ħarsien tal-aspettattivi leġittimi, jekk huwiex iġġustifikat li tordna lir-Repubblika Franċiża tirkupra l-għajnuna mħallsa diġà [115]; imbagħad dan l-att tal-Kummissjoni jkun jista' jiġi mistħarreġ mill-qorti Komunitarja.

154. Id-deċiżjoni negattiva tal-Kummissjoni tolqot ukoll it-taxxa parafiskali li hija parti integrali tas-sistema Franċiża ta' għajnuna, li min-naħa tagħha ssir inkompatibbli mas-suq komuni. It-taxxi mħallsa bejn l-1998 u l-2002 jkunu nġabru illegalment u għandhom jiġu rimborsati. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, l-individwi għandhom dritt jieħdu ħlas lura tat-taxxi mħallsa bi ksur tar-regoli taddritt Komunitarju [116]. Ovvjament, il-metodi tar-restituzzjoni ma jistgħux ikunu anqas favorevoli minn dawk applikabbli għal azzjonijiet analogi fil-kuntest tas-sistema proċedurali nazzjonali (il-prinċipju ta' ekwivalenza) u l-ħlas lura lanqas ma għandu jiġi reż prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli fil-prattika (il-prinċipju ta' effettività) [117].

155. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ammess li b'deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kummissjoni tinħoloq sitwazzjoni fejn dawk suġġetti għat-taxxa jitħallsu lura s-somom imħallsa bħala taxxa parafiskali fuq ir-reklami mxandra bir-radju u t-televiżjoni, filwaqt li l-benefiċjarji tal-għajnuna jistgħu, eventwalment, bis-saħħa tal-prinċipju tal-ħarsien tal-aspettattivi leġittimi, iżommu l-għajnuna li rċevew bejn l-1998 u l-2002. F'ċertu sens ikun hemm ħall tar-rabta ta' allokazzjoni bejn it-taxxa parafiskali fuq ir-reklami mxandra bir-radju u t-televiżjoni u l-għajnuna ffinanzjata mid-dħul minnha. Iżda dan l-eżitu huwa inevitabbli jekk għandu jisseddaq il-prinċipju tal-aspettattiva leġittima li għaliha għandhom dritt il-benefiċjarji tal-għajnuna, mingħajr ma tiġi pperikolata l-protezzjoni legali effettiva ta' dawk li jħallsu t-taxxa. Ir-riskju tal-inkompatibbiltà mas-suq komuni jaqa' fuq l-Istat Membru li jkun fassal is-sistema tiegħu ta' għajnuna abbażi ta' rabta ta' allokazzjoni qawwija bejn taxxa u l-għajnuna li huwa jipprovdi, u m'għandux jaqa' fuq dawk li jħallsu t-taxxa jew fuq id-destinatarji tal-għajnuna.

115 — Fir-rigward tat-teħid inkonsiderazzjoni tal-aspettattivi leġittimi meta jiġu eżaminati s-sistemi ta' għajnuna ara wkoll is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006, Ir-Renju tal-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda C-182/03 u C-217/03, Ġabra p. I-5479, punti 147 sa 167).

116 — Ara, *ex multis*, is-sentenzi tas-9 ta' Novembru 1983, San Giorgio (199/82, Ġabra p. 3595, punt 12); tal-14 ta' Jannar 1997, Comateb *et* (Kawżi magħquda C-192/85 sa C-218/85, Ġabra p. I-165, punt 20); tat-30 ta' Marzu 2006, Uudenkaupungin kaupunki (C-184/04, Ġabra p. I-3039, punt 54); Test Claimants in the FII Group Litigation (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 112, punt 202), u Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 112, punt 110).

117 — Sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral (33/76, Ġabra p. 1989, punt 5); tas-27 ta' Marzu 1980, Denkavit italiana (61/79, Ġabra p. 1205, punt 25); San Giorgio (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 116, punt 12); Test Claimants in the FII Group Litigation (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 112, punt 203), u Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 112, punt 111).

VI — Konklużjoni

156. Fid-dawl ta' dak li għadu kemm intqal, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti r-risposta segwenti għad-domanda magħmula mill-Cour administrative d'appel de Lyon:

1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, innotifikata fl-10 ta' Novembru 1997, li fiha ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra s-sistema ta' għajnuna għax-xandir bir-radju li r-Repubblika Franċiża kienet innotifikatha biha (għajnuna nru N 679/97) hija invalida.

2) L-effetti tad-deċiżjoni msemmija fil-punt 1) għandhom jiġu pprorogati sakemm il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tadotta deċiżjoni ġdida fuq il-kompatibbiltà ta' din is-sistema ta' għajnuna mas-suq komuni, u sakemm din id-deċiżjoni ma tkunx tista' tiġi kkontestata iktar permezz ta' rikors għal annullament taħt l-Artikolu 230 KE.